SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla)

26 ta' Frar 2026 *

"Appell – Kompetizzjoni – Akkordji – Suq tat-trasport tal-merkanzija bl-ajru – Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea li tikkonstata ksur tal-Artikolu 101 TFUE, tal-Artikolu 53 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea u tal-Artikolu 8 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar it-trasport bl-ajru – Koordinazzjoni tal-elementi tal-prezz tas-servizzi tat-trasport tal-merkanzija bl-ajru (sovrataxxa tal-fjuwil, sovrataxxa tas-sigurtà u rifjut li jitħallsu kummissjonijiet fuq is-sovrataxxi) – Kumpannija omm u sussidjarji – Imputabbiltà tal-aġir li jikkostitwixxi ksur – Servizzi ta' trasport tal-merkanzija inbound – Kompetenza territorjali tal-Kummissjoni – Effetti kkwalifikati – Kalkolu tal-multa – Ċirkustanza attenwanti – Teħid inkunsiderazzjoni tas-sistemi regolamentari fis-seħħ fil-pajjiżi terzi – Ugwaljanza fit-trattament – Tul tal-parteċipazzjoni fil-ksur uniku u kontinwu – Prova – Parteċipazzjoni fid-diversi elementi tal-ksur uniku u kontinwu"

Fil-Kawża C-370/22 P,

li għandha bħala suġġett appell skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ippreżentat fit-8 ta' Ġunju 2022,

Air France-KLM, stabbilita f'Pariġi (Franza), irrappreżentata minn M. Blayney u A. Wachsmann, avukati,

appellanti,

il-parti l-oħra fil-kawża li hija:

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn P. Berghe u A. Dawes, bħala aġenti, assistiti inizjalment minn V. Bringer u N. Coutrelis, avukati, u sussegwentement minn N. Coutrelis, avukata,

konvenuta fl-ewwel istanza,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla),

komposta minn I. Jarukaitis (Relatur), President tar-Raba' Awla, li qiegħed jaġixxi bħala President tal-Ħames Awla, E. Regan u D. Gratsias, imħallfin,

Avukat Ġenerali: A. Rantos,

Reġistratur: S. Spyropoulos, Amministratriċi,

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-18 ta' April 2024,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-5 ta' Settembru 2024,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tal-appell tagħha, Air France-KLM (iktar 'il quddiem "AF-KLM") qiegħda titlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tat-30 ta' Marzu 2022, Air France-KLM vs Il-Kummissjoni (T-337/17, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata", EU:T:2022:179), li permezz tagħha l-imsemmija qorti ċaħdet ir-rikors tagħha intiż, prinċipalment, biex tiġi annullata d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2017) 1742 final tas-17 ta' Marzu 2017 li tirrigwarda proċediment skont l-Artikolu 101 TFUE, l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE u l-Artikolu 8 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar it-Trasport bl-Ajru (Każ AT.39258 – Trasport bl-ajru) (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni kontenzjuża"), sa fejn din tikkonċernaha, u, sussidjarjament, biex tiġi annullata parzjalment din id-deċiżjoni kif ukoll biex jitnaqqas l-ammont tal-multi li imponiet fuqha din tal-aħħar.

Il-kuntest ġuridiku

Il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru KE-Svizzera

2 Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar it-Trasport bl-Ajru, iffirmat fil-Lussemburgu fil-21 ta' Ġunju 1999 u approvat f'isem il-Komunità Ewropea permezz tad-Deċiżjoni 2002/309/KE, Euratom tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar il-ftehim dwar kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika, ta' l-4 ta' April 2002 dwar il-konklużjoni tas-seba' Ftehim[iet] mal-Konfederazzjoni Svizzera (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 41, p. 89, rettifika fil-ĠU 2015, L 210, p. 38) (iktar 'il quddiem il-"Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru KE-Svizzera") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2002. L-Artikoli 8 u 9 ta' dan il-ftehim jikkorrispondu, *mutatis mutandis*, għall-Artikoli 101 u 102 TFUE, rispettivament.

3 Skont l-Artikolu 11 tal-imsemmi ftehim:

"1. Id-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 8 u 9 għandhom jiġu applikati [...] mill-istituzzjonijiet Komunitarji skond il-leġislazzjoni Komunitarja hekk kif iddikjarata fl-Anness ta' dan il-Ftehim, waqt li tingħata kull konsiderazzjoni lill-bżonn ta' koperazzjoni mill-qrib bejn l-istituzzjonijiet Komunitarji u l-awtoritajiet Svizzeri.

2. L-awtoritajiet Svizzeri għandhom jiddeċiedu, skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 8 u 9, dwar l-ammissibilità ta' kull ftehim, deċiżjoni u prattika [...] li jolqtu rotot bejn l-Isvizzera u pajjiżi terzi."

4 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli [101] u [102 TFUE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205), sar applikabbli taħt l-istess ftehim, b'effett mill-5 ta' Diċembru 2007, permezz tad-Deċiżjoni Nru 1/2007 tal-Kumitat konġunt Komunità/Żvizzera

għat-Trasport bl-Ajru stabbiliti mill-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-Trasport bl-Ajru tal-5 ta' Diċembru 2007, li tissostitwixxi l-Anness għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-Trasport bl-Ajru (ĠU 2008, L 34, p. 19). F'din id-data, huwa ssostitwixxa r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3975/87 tal-14 ta' Diċembru 1987 li jistabbilixxi l-proċedura għall-applikazzjoni tar-Regoli dwar il-kompetizzjoni għall-impriżi fis-settur tat-trasport bl-ajru (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 1, p. 262), li kien jinsab fl-Anness tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru KE-Svizzera sa mid-dħul fis-seħħ tiegħu.

It-Trattat FUE

5 L-Artikolu 101(1) TFUE jipprovdi:

"Is-segwenti għandhom ikunu inkompatibbli mas-suq intern u għandhom ikunu projbiti: l-akkordji kollha bejn impriżi, id-deċiżjonijiet kollha ta' deċiżjonijiet assoċjazzjonijiet bejn impriżi u l-prattiċi kollha miftiehma li jistgħu jolqtu l-kummerċ bejn l-Istati Membri u li jkollhom bħala għan jew riżultat tagħhom il-prevenzjoni, ir-restrizzjoni jew id-distorsjoni tal-kompetizzjoni fi ħdan is-suq intern, partikolarment dawk li jinvolvu:

a) l-iffissar dirett jew indirett tal-prezzijiet ta' l-akkwist jew tal-bejgħ, jew ta' kondizzjonijiet oħra tan-negozju,

b) il-limitazzjoni jew kontroll tal-produzzjoni, tas-swieq, ta' l-iżvilupp tekniku jew ta' l-investiment,

c) it-taqsim tas-swieq jew it-taqsim ta' fonti ta' provvista,

[...]"

Il-Ftehim ŻEE

6 L-Artikolu 53 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea tat-2 ta' Mejju 1992 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 52, p. 3, iktar 'il quddiem il-"Ftehim ŻEE") jikkorrispondi, *mutatis mutandis*, għall-Artikolu 101 TFUE.

7 Ir-Regolament Nru 1/2003, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 411/2004 tas-26 ta' Frar 2004 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8, p. 17), ġie integrat fil-Ftehim ŻEE permezz, minn naħa, tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 130/2004 tal-24 ta' Settembru 2004 li temenda l-Anness XIV (Kompetizzjoni), il-Protokoll 21 (dwar l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni li japplikaw għall-impriżi) u l-Protokoll 23 (dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ta' sorveljanza) tal-Ftehim ŻEE (ĠU 2005, L 64, p. 57), li daħlet fis-seħħ fid-19 ta' Mejju 2005, kif ukoll, min-naħa l-oħra, tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 40/2005 tal-11 ta' Marzu 2005 li temenda l-Anness XIII (Trasport) u l-Protokoll 21 (dwar l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni li japplikaw għall-impriżi) tal-Ftehim ŻEE (ĠU 2005, L 198, p. 38), li daħlet fis-seħħ fl-istess jum.

Ir-Regolament Nru 1/2003

8 L-Artikolu 32(ċ) tar-Regolament Nru 1/2003 kien jipprevedi li dan ir-regolament ma kienx japplika "għal trasport bl-ajru bejn ajrupoprti tal-Komunità u terzi pajjiżi".

9 Din id-dispożizzjoni tħassret, b'effett mill-1 ta' Mejju 2004, permezz tal-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 411/2004.

Ir-Regolament Nru 411/2004

10 Il-premessi 2, 3, u 7 tar-Regolament Nru 411/2004 jiddikjaraw:

"(2) [...] il-Kummissjoni [Ewropea] ma tgawdix setgħat (poteri) ta' investigazzjoni u infurzar rigward ksur ta' l-Artikoli [101] u [102 TFUE] fir-rigward ta' trasport bl-ajru bejn il-Komunità w pajjiżi terzi ekwivalenti għal dawk li tgawdi fir-rigward ta' trasport bl-ajru ġewwa l-Komunità. [...] Barraminhekk, id-drittijiet, setgħat (poteri) u obbligi speċifiċi assenjati lill-qrati nazzjonali u lill-awtoritajiet ta' kompetizzjoni ta' l-Istati Membri bir-Regolament (KE) Nru 1/2003 ma japplikawx għal trasport bl'ajru bejn il-Komunità u pajjiżi terzi; [...]

(3) Prattiċi anti-kompetittivi fit-trasport bl-ajru bejn il-Komunità u pajjiżi terzi jistgħu jaffettwaw il-kummerċ bejn Stati Membri. Ladarba l-mekkaniżmi miġbura fir-Regolament (KE) Nru 1/2003, li l-funzjoni tagħhom hija li jimplimentaw ir-regoli dwar il-kompetizzjoni taħt l-Artikli [101] u [102 TFUE], huma ugwalment xierqa għall-applikar tar-regoli tal-kompetizzjoni għat-trasport bl-ajru bejn il-Komunità u pajjiżi terzi, l-ambitu ta' dak ir-regolament għandu jkun estiż biex ikopri trasport tali.

[...]

(7) Il-Kummissjoni għandha tingħatalha s-setgħa (poter) li tagħti eżenzjonijiet ġenerali fis-settur tat-trasport bl-ajru rigward traffiku bejn il-Komunità u pajjiżi terzi kif ukoll rigward traffiku ġewwa l-Komunità. [...]"

Il-Linji Gwida tal-2006

11 Il-punti 29 u 37 tal-Linji Gwida dwar il-kalkolu tal-multi imposti skont l-Artikolu 23(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 (ĠU 2006, C 210, p. 2, iktar 'il quddiem il-"Linji Gwida tal-2006") jipprovdu:

"29. L-ammont bażiku tal-multa jista' jitnaqqas meta l-Kummissjoni tikkonstata l-eżistenza ta' ċirkustanzi attenwanti, bħal:

[...]

– meta l-aġir antikompetittiv ikun ġie awtorizzat jew imħeġġeġ mill-awtoritajiet pubbliċi jew mil-leġiżlazzjoni [...] [traduzzjoni mhux uffiċjali].

[...]

37. Għalkemm dawn il-linji gwida jistabbilixxu l-metodoloġija ġenerali għall-iffissar tal-multi, il-karatteristiċi ta' każ partikolari jew il-bżonn li jintlaħaq livell dissważiv f'każ partikolari jistgħu jiġġustifikaw li l-Kummissjoni titbiegħed minn din il-metodoloġija jew mil-limiti stabbiliti fil-punt 21" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

Il-fatti li wasslu għall-kawża u d-Deċiżjoni kontenzjuża

12 Il-fatti li wasslu għall-kawża u d-Deċiżjoni kontenzjuża, kif tfissru fil-punti 1 sa 61 tas-sentenza appellata, jistgħu, għall-finijiet ta' din il-proċedura, jinġabru bil-mod kif ġej.

13 AF-KLM hija kumpannija holding li għandha 100 % tad-drittijiet tal-vot u tad-drittijiet ekonomiċi f'Société Air France SA (iktar 'il quddiem "Air France") kif ukoll 49 % tad-drittijiet tal-vot u 93.63 % tad-drittijiet ekonomiċi f'Koninklijke Luchtvaart Maatschappij NV (iktar 'il quddiem "KLM"). Air France u KLM huma kumpanniji tat-trasport bl-ajru li joperaw fis-suq tas-servizzi tat-trasport tal-merkanzija bl-ajru.

14 Fis-settur tat-trasport tal-merkanzija, kumpanniji tal-ajru jiżguraw it-trasport tal-merkanzija bl-ajru (iktar 'il quddiem it-"trasportaturi"). Bħala regola ġenerali, it-trasportaturi jipprovdu servizzi ta' trasport tal-merkanzija lill-ispedizjoniera, li jieħdu ħsieb it-trasport ta' din il-merkanzija f'isem l-ispedituri. Bħala korrispettiv, dawn l-ispedizjoniera jħallsu lit-trasportaturi prezz li huwa magħmul minn tariffi kkalkolati għal kull kilogramma u wkoll minn diversi sovrataxxi.

Il-proċedura amministrattiva

15 Fis-7 ta' Diċembru 2005, il-Kummissjoni rċeviet, taħt l-Avviż tagħha dwar l-immunità minn multi u it-tnaqqis fl-ammont tagħha f'każijiet ta' akkordji (ĠU 2002, C 45, p. 3), applikazzjoni għal immunità ppreżentata minn Deutsche Lufthansa AG u minn tnejn mis-sussidjarji tagħha, Lufthansa Cargo AG u Swiss International Air Lines AG. Skont din l-applikazzjoni, kienu jeżistu kuntatti antikompetittivi bejn diversi trasportaturi, li kienu jikkonċernaw elementi tal-prezz tas-servizzi pprovduti fis-suq tat-trasport tal-merkanzija bl-ajru, jiġifieri l-introduzzjoni ta' sovrataxxi tal-"fjuwil" u tas-"sigurtà", kif ukoll ir-rifjut ta' dawn it-trasportaturi li jħallsu lill-ispedizjoniera kummissjoni fuq is-sovrataxxi (iktar 'il quddiem ir-"rifjut li jitħallsu kummissjonijiet").

16 Fl-14 u fil-15 ta' Frar 2006, il-Kummissjoni għamlet spezzjonijiet għal għarrieda fil-bini ta' diversi trasportaturi.

17 Wara dawn l-ispezzjonijiet, diversi trasportaturi, fosthom AF-KLM f'isem Air France, ippreżentaw applikazzjoni għal immunità taħt l-Avviż dwar l-immunità minn multi u t-tnaqqis fl-ammont tagħhom f'każijiet ta' akkordji, imsemmi fil-punt 15 ta' din is-sentenza.

18 Fid-19 ta' Diċembru 2007, il-Kummissjoni bagħtet dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet lil 27 trasportatur, fosthom AF-KLM, li sussegwentement ippreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub. Saret seduta mit-30 ta' Ġunju sal-4 ta' Lulju 2008.

Id-Deċiżjoni inizjali

19 Fid-9 ta' Novembru 2010, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni C(2010) 7694 final li tirrigwarda proċedura skont l-Artikolu 101 [TFUE], l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE u l-Artikolu 8 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar it-trasport bl-ajru (Każ C.39258 – Trasport tal-merkanzija bl-ajru) (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni inizjali"). Din id-deċiżjoni kienet indirizzata lil 21 trasportatur, fosthom AF-KLM.

20 L-imsemmija deċiżjoni spjegat, fil-motivi tagħha, li t-trasportaturi inkriminati kienu kkoordinaw l-aġir tagħhom fir-rigward tat-tarifikazzjoni għall-provvista ta' servizzi ta' trasport tal-merkanzija, billi ftehmu fuq is-sovrataxxa tal-fjuwil u fuq is-sovrataxxa tas-sigurtà u rrifjutaw li jħallsu kummissjonijiet, u kienu, b'dan il-mod, ipparteċipaw fi ksur uniku u kontinwu tal-Artikolu 101 TFUE, tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE u tal-Artikolu 8 tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru KE-Svizzera, li jkopri t-territorju taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) u tal-Isvizzera.

Is-sentenzi tas-16 ta' Diċembru 2015

21 Permezz ta' sentenza tas-16 ta' Diċembru 2015, Air France-KLM vs Il-Kummissjoni (T-62/11, EU:T:2015:996), il-Qorti Ġenerali annullat id-Deċiżjoni inizjali sa fejn din kienet tikkonċerna lil AF-KLM. Permezz ta' tnax-il sentenza oħra mogħtija dakinhar stess, il-Qorti Ġenerali annullat ukoll, kompletament jew parzjalment, din id-deċiżjoni sa fejn din kienet tikkonċerna tnax-il trasportatur ieħor jew gruppi ta' trasportaturi oħra.

22 Il-Qorti Ġenerali qieset li l-imsemmija deċiżjoni kienet ivvizzjata b'difett ta' motivazzjoni.

Id-Deċiżjoni kontenzjuża

23 Fl-20 ta' Mejju 2016, il-Kummissjoni bagħtet lit-trasportaturi msemmija fid-Deċiżjoni inizjali u li ppreżentaw rikors kontra din tal-aħħar quddiem il-Qorti Ġenerali ittra li tinformahom bl-intenzjoni tagħha li tadotta mill-ġdid deċiżjoni li tikkonstata l-parteċipazzjoni tagħhom fi ksur uniku u kontinwu tal-Artikolu 101 TFUE, tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE u tal-Artikolu 8 tal-Ftehim dwar l-Ajru KE-Svizzera fir-rotot kollha msemmija f'din id-deċiżjoni inizjali. Huma ngħatalhom terminu ta' xahar sabiex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom. Kollha ħadu l-opportunità li jagħmlu dan.

24 Fis-17 ta' Marzu 2017, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni kontenzjuża, li hija indirizzata lil 19-il trasportatur, fosthom AF-KLM.

25 Id-Deċiżjoni kontenzjuża tispjega li t-trasportaturi inkriminati kkoordinaw l-aġir tagħhom fir-rigward tat- tarifikazzjoni għall-provvista ta' servizzi ta' trasport tal-merkanzija madwar id-dinja permezz tas-sovrataxxa tal-fjuwil, tas-sovrataxxa tas-sigurtà u tar-rifjut li jitħallsu kummissjonijiet (iktar 'il quddiem l-"akkordju kontenzjuż"), u b'hekk wettqu ksur uniku u kontinwu tal-Artikolu 101 TFUE, tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE u tal-Artikolu 8 tal-Ftehim dwar l-Ajru KE-Svizzera.

26 Fit-Taqsima 4 ta' din id-deċiżjoni, intitolata "Deskrizzjoni tal-fatti" [traduzzjoni mhux uffiċjali], il-Kummissjoni indikat, b'mod partikolari, li l-investigazzjoni kienet żvelat akkordju fuq skala globali b'network ta' kuntatti bilaterali u multilaterali tul perijodu twil ta' żmien bejn

il-kompetituri, li kien jikkonċerna l-aġir li huma kienu ddeċidew, ipprevedew jew għamlu l-ħsieb li jadottaw b'rabta mal-varji elementi tal-prezz tas-servizzi ta' trasport tal-merkanzija msemmija fil-punt ta' qabel. Hija enfasizzat li dan in-network ta' kuntatti kellu l-għan komuni li jikkoordina l-aġir tal-kompetituri fir-rigward tat-tarifikazzjoni jew li jnaqqas l-inċertezza sa fejn għandha x'taqsam il-politika ta' pprezzar tagħhom. Hija mbagħad iddeskriviet il-kuntatti li jikkonċernaw, rispettivament, is-sovrataxxa tal-fjuwil, is-sovrataxxa tas-sigurtà u r-rifjut li jitħallsu kummissjonijiet, u evalwat il-provi fattwali li jikkonċernaw, minn naħa, l-akkordju kontenzjuż kollu kemm hu u, min-naħa l-oħra, kull wieħed mid-destinatarji tal-imsemmija deċiżjoni.

27 Fit-Taqsima 5 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, intitolata "Applikazzjoni tar-regoli rilevanti tal-kompetizzjoni" [traduzzjoni mhux uffiċjali], il-Kummissjoni applikat l-Artikolu 101 TFUE għall-fatti tal-każ u ppreċiżat li r-riferimenti għal dan l-artikolu kellhom jinftiehmu wkoll bħala riferimenti għall-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE u għall-Artikolu 8 tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru KE-Svizzera, peress li, sakemm ma jkunx previst mod ieħor, dawn id-dispożizzjonijiet japplikaw *mutatis mutandis*.

28 F'dan ir-rigward, sa fejn għandha x'taqsam il-kompetenza tagħha, il-Kummissjoni eżaminat il-limiti tal-kompetenza *ratione temporis* u territorjali tagħha sabiex tikkonstata u tissanzjona ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni f'dan il-każ.

29 Minn naħa, fil-premessi 822 sa 832 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, li jagħmlu s-Sottotaqsima 5.2 ta' din id-deċiżjoni, intitolata "Kompetenza tal-Kummissjoni" [traduzzjoni mhux uffiċjali], hija rrilevat, essenzjalment, li hija ma kinitx ser tapplika, l-ewwel nett, l-Artikolu 101 TFUE għall-akkordji u għall-prattiki li saru qabel l-1 ta' Mejju 2004 li għandhom x'jaqsmu mar-rotot bejn ajruporti fl-Unjoni Ewropea u ajruporti barra ż-ŻEE (iktar 'il quddiem ir-"rotot Unjoni-pajjiżi terzi"), it-tieni nett, l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE għall-akkordji u għall-prattiki li saru qabel id-19 ta' Mejju 2005 li għandhom x'jaqsmu mar-rotot Unjoni-pajjiżi terzi u r-rotot bejn ajruporti f'pajjiżi li huma partijiet kontraenti fil-Ftehim ŻEE u li ma humiex membri tal-Unjoni u ajruporti f'pajjiżi terzi (iktar 'il quddiem ir-"rotot ŻEE minbarra dawk Unjoni-pajjiżi terzi" u, flimkien mar-rotot Unjoni-pajjiżi terzi, ir-"rotot ŻEE-pajjiżi terzi") u, fl-aħħar nett, l-Artikolu 8 tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru KE-Svizzera għall-akkordji u għall-prattiki li saru qabel l-1 ta' Ġunju 2002 li għandhom x'jaqsmu mar-rotot bejn ajruporti fl-Unjoni u ajruporti fl-Isvizzera (iktar 'il quddiem ir-"rotot Unjoni-Svizzera"). Hija ppreċiżat, fil-premessa 832 tal-imsemmija deċiżjoni, li l-istess deċiżjoni ma kellhiex "l-iskop li tirrileva kwalunkwe ksur tal-Artikolu 8 tal-Ftehim [dwar it-Trasport bl-Ajru KE-Svizzera] fir-rigward tas-servizzi ta' trasport tal-merkanzija [bejn] l-Isvizzera [u] pajjiżi terzi" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

30 Min-naħa l-oħra, fil-premessi 1036 sa 1046 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, li jagħmlu s-Sottotaqsima 5.3.8 ta' din id-deċiżjoni, intitolata "[A]pplikabbiltà tal-Artikolu 101 [TFUE] u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE għar-rotot inbound" [traduzzjoni mhux uffiċjali], il-Kummissjoni spjegat ir-raġunijiet għaliex hija ċaħdet l-argumenti ta' diversi trasportaturi inkriminati li hija marret lil hinn mil-limiti tal-kompetenza territorjali tagħha fid-dawl tar-regoli tad-dritt internazzjonali pubbliku billi kkonstatat u ssanzjonat ksur ta' dawk iż-żewġ dispożizzjonijiet dwar ir-rotot li jitilqu minn pajjiżi terzi u li sejrin iż-ŻEE (iktar 'il quddiem ir-"rotot inbound" u, sa fejn għandhom x'jaqsmu s-servizzi ta' trasport tal-merkanzija offruti f'dawn ir-rotot, is-"servizzi ta' trasport tal-merkanzija inbound").

31 B'mod partikolari, fil-premessa 1045 tal-imsemmija deċiżjoni, il-Kummissjoni rrilevat li l-prattiki antikompetittivi sa fejn kellhom x'jaqsmu s-servizzi ta' trasport tal-merkanzija inbound "setgħu jkollhom effetti immedjati, sostanzjali u prevedibbli fl-Unjoni u fiż-ŻEE, peress li ż-żieda

fl-ispejjeż tat-trasport bl-ajru lejn iż-ŻEE u għalhekk il-prezzijiet ogħla tal-merkanzija importata jistgħu, min-natura tagħhom, ikollhom effetti fuq il-konsumaturi fiż-ŻEE" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Hija żiedet tgħid li, f'dan il-każ, dawn il-prattiki setgħu jkollhom tali effetti wkoll fuq il-provvista ta' servizzi ta' trasport tal-merkanzija bl-ajru minn trasportaturi oħra fiż-ŻEE, bejn iċ-ċentri ("hubs") fiż-ŻEE użati mit-trasportaturi ta' pajjiżi terzi u l-ajruporti ta' destinazzjoni ta' dawn il-kunsinni fiż-ŻEE li t-trasportatur tal-pajjiż terz ma joperax minnhom.

32 Barra minn hekk, fil-premessa 1046 tal-istess deċiżjoni, il-Kummissjoni rrilevat li l-akkordju kontenzjuż kien ġie "implimentat globalment", li l-arranġamenti li jikkonċernaw ir-rotot inbound kienu jagħmlu parti integrali mill-ksur uniku u kontinwu tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE, u li l-applikazzjoni uniformi tas-sovrataxxi fuq livell globali kienet element ewlieni ta' dan l-akkordju.

33 Is-Sottotaqsima 5.3 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, li tirrigwarda l-applikazzjoni f'dan il-każ tal-Artikolu 101 TFUE, tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE u tal-Artikolu 8 tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru KE-Svizzera, tinkludi l-premessi 833 sa 1052 tagħha. L-ewwel nett, fil-premessa 846 ta' din id-deċiżjoni, il-Kummissjoni qieset li t-trasportaturi inkriminati kienu kkoordinaw l-aġir tagħhom jew influwenzaw it-tarifikazzjoni, u dan kien "finalment jammonta għal iffissar tal-prezzijiet b'rabta" [traduzzjoni mhux uffiċjali] mas-sovrataxxa tal-fjuwil, mas-sovrataxxa tas-sigurtà u mal-ħlas ta' kummissjoni lill-ispedizjoniera fuq is-sovrataxxi. Fil-premessa 861 tal-imsemmija deċiżjoni, hija kkunsidrat li s-"sistema ġenerali ta' koordinazzjoni tal-aġir fejn tidħol it-tarifikazzjoni tas-servizzi ta' trasport tal-merkanzija" li kixfet l-investigazzjoni tagħha kienet tixhed l-eżistenza ta' "ksur kumpless li jikkonsisti f'diversi azzjonijiet li [setgħu] jiġu kklassifikati jew bħala ftehim jew bħala prattika miftiehma li fil-kuntest tagħhom il-kompetituri [kienu] bi ħsieb issostitwixxew il-kooperazzjoni prattika bejniethom bir-riskji tal-kompetizzjoni" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

34 It-tieni nett, fil-premessa 869 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni qieset li l-"aġir inkwistjoni [kien] jikkostitwixxi ksur uniku u kontinwu tal-Artikolu 101 [TFUE]" u ppreċiżat, fil-premessi 870 sa 902 tagħha, li l-arranġamenti inkwistjoni kienu jfittxu li jilħqu għan antikompetittiv uniku, jiġifieri li tiġi ostakolata l-kompetizzjoni fis-settur tat-trasport tal-merkanzija fi ħdan iż-ŻEE, li kienu jirrigwardaw il-provvista ta' servizzi ta' trasport tal-merkanzija u t-tarifikazzjoni tagħhom, li kienu jikkonċernaw l-istess impriżi, kienu uniċi u kontinwi u li kienu jirrigwardaw tliet elementi, jiġifieri s-sovrataxxa tal-fjuwil, is-sovrataxxa tas-sigurtà u r-rifjut li jitħallsu kummissjonijiet. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni indikat, fil-premessa 881 ta' din id-deċiżjoni, li Air France u KLM kienu implikati f'dawn it-tliet elementi.

35 It-tielet nett, fil-premessa 903 tal-imsemmija deċiżjoni, il-Kummissjoni qieset li l-aġir antikompetittiv inkwistjoni kellu l-għan li jillimita l-kompetizzjoni tal-inqas fi ħdan l-Unjoni, fiż-ŻEE u fl-Isvizzera. Fil-premessa 917 ta' din tal-aħħar, hija essenzjalment żiedet tgħid li ma kienx meħtieġ, għaldaqstant, li tieħu inkunsiderazzjoni l-effetti konkreti ta' dan l-aġir.

36 Ir-raba' nett, fil-premessi 972 sa 1021 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni eżaminat il-leġiżlazzjoni ta' seba' pajjiżi terzi li diversi trasportaturi inkriminati sostnew li kienet ġegħlithom jiftiehmu bejniethom dwar is-sovrataxxi u b'hekk fixklet l-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni rilevanti. Il-Kummissjoni kkunsidrat li dawn it-trasportaturi ma kienu ġabu ebda prova li l-imsemmija pajjiżi terzi kienu ġegħluhom jaġixxu b'dan il-mod.

37 Il-ħames nett, fil-premessi 1024 sa 1035 ta' din id-deċiżjoni, il-Kummissjoni qieset li l-ksur uniku u kontinwu seta' jaffettwa b'mod sinjifikattiv il-kummerċ bejn l-Istati Membri, bejn il-partijiet kontraenti fil-Ftehim ŻEE u bejn il-partijiet kontraenti fil-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru KE-Svizzera.

38 It-Taqsima 7 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, intitolata "Tul tal-ksur" [traduzzjoni mhux uffiċjali], tinkludi l-premessi 1146 sa 1169 ta' din id-deċiżjoni. Kif jirriżulta mill-premessa 1146 tal-imsemmija deċiżjoni, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-akkordju kontenzjuż kien beda fis-7 ta' Diċembru 1999 u dam sal-14 ta' Frar 2006. F'din il-premessa 1146 hija ppreċiżat li dan l-akkordju kien kiser:

– l-Artikolu 101 TFUE, mis-7 ta' Diċembru 1999 sal-14 ta' Frar 2006, sa fejn kellu x'jaqsam it-trasport bl-ajru bejn ajruporti fl-Unjoni;

– l-Artikolu 101 TFUE, mill-1 ta' Mejju 2004 sal-14 ta' Frar 2006, sa fejn kellu x'jaqsam it-trasport bl-ajru fir-rotot Unjoni-pajjiżi terzi;

– l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE, mis-7 ta' Diċembru 1999 sal-14 ta' Frar 2006, sa fejn kellu x'jaqsam it-trasport bl-ajru bejn ajruporti fiż-ŻEE;

– l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE, mid-19 ta' Mejju 2005 sal-14 ta' Frar 2006, sa fejn kellu x'jaqsam it-trasport bl-ajru fir-rotot ŻEE minbarra dawk Unjoni-pajjiżi terzi;

– l-Artikolu 8 tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru KE-Svizzera, mill-1 ta' Ġunju 2002 sal-14 ta' Frar 2006, sa fejn kellu x'jaqsam it-trasport bl-ajru fir-rotot Unjoni-Svizzera.

39 Fil-premessa 1169 tal-istess deċiżjoni, il-Kummissjoni rrilevat li t-tul tal-ksur kien, sa fejn kellhom x'jaqsmu AF-KLM u Air France, mis-7 ta' Diċembru 1999 sal-14 ta' Frar 2006 u, sa fejn kellha x'taqsam KLM, mill-21 ta' Diċembru 1999 sal-14 ta' Frar 2006.

40 Fil-premessi 1080 sa 1085 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni żammet lil AF-KLM u lil Air France responsabbli *in solidum* għall-parteċipazzjoni tagħhom fil-ksur uniku u kontinwu għat-tul kollu tiegħu, billi rrilevat minn naħa, li AF-KLM u Air France kienu suċċessuri tal-kumpannija preċedentement imsejħa "Société Air France" eżistenti qabel il-15 ta' Settembru 2004 u, min-naħa l-oħra, li AF-KLM kienet eżerċitat jew setgħet tiġi preżunta li eżerċitat influwenza determinanti fuq Air France mill-15 ta' Settembru 2004. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni esponiet li, f'din id-data, il-kumpannija preċedentement imsejħa "Société Air France" saret AF-KLM u l-attivitajiet tagħha ta' trasport bl-ajru ġew ittrasferiti lejn is-sussidjarja tagħha "Air France Compagnie Aérienne", li ngħatat l-isem ġdid "Société Air France SA". Barra minn hekk, fil-premessi 1086 sa 1089 ta' din id-deċiżjoni, il-Kummissjoni imputat lil AF-KLM l-aġir ta' KLM mill-5 ta' Mejju 2004, data li fiha l-kumpannija preċedentement imsejħa "Société Air France" kienet akkwistat il-kontroll ta' KLM.

41 Fit-Taqsima 8 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni eżaminat il-miżuri korrettivi li kellhom jittieħdu u l-multi li kellhom jiġu imposti fid-dawl tal-Linji Gwida tal-2006. Hija applikat, b'mod partikolari, abbażi tal-punt 37 tagħhom, tnaqqis ta' 50 % fl-ammonti bażiċi tal-multi, billi parti mis-servizzi relatati mar-rotot inbound, kif ukoll mar-rotot li jitilqu miż-ŻEE u li sejrin f'pajjiżi terzi, minbarra r-rotot Unjoni-Svizzera, hija pprovduta barra mit-territorju kopert mill-Ftehim ŻEE u għalhekk parti mid-dannu tista' sseħħ barra minn dan it-territorju. Barra minn hekk, skont

il-punt 29 ta' dawn il-linji gwida, hija tat lit-trasportaturi inkriminati tnaqqis addizzjonali fl-ammonti bażiċi ta' 15 % (iktar 'il quddiem it-"tnaqqis ġenerali mogħti minħabba ċirkustanzi attenwanti"), billi ċerti sistemi regolamentari kienu ħeġġew l-akkordju kontenzjuż.

42 L-Artikoli 1, 3 u 4 tad-dispożittiv tad-Deċiżjoni kontenzjuża huma fformulati kif ġej:

"Artikolu 1

Billi kkoordinaw l-aġir tagħhom fir-rigward tat-tarifikazzjoni għall-provvista ta' servizzi ta' trasport tal-merkanzija madwar id-dinja sa fejn għandhom x'jaqsmu s-sovrataxxa tal-fjuwil, is-[sovrataxxa tas-sigurtà] u l-ħlas ta' kummissjoni fuq is-sovrataxxi, l-impriżi li ġejjin ikkommettew il-ksur uniku u kontinwu li ġej tal-Artikolu 101 [TFUE], tal-Artikolu 53 tal-[Ftehim ŻEE] u tal-Artikolu 8 tal-[Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru KE-Svizzera] sa fejn għandhom x'jaqsmu ir-rotot li ġejjin u matul il-perijodi li ġejjin.

1) L-impriżi li ġejjin kisru l-Artikolu 101 [TFUE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE sa fejn għandhom x'jaqsmu r-rotot bejn ajruporti barra miż-ŻEE, matul il-perijodi li ġejjin:

   [...]
   b) [AF-KLM], mis-7 ta' Diċembru 1999 sal-14 ta' Frar 2006;
   c) [Air France], mis-7 ta' Diċembru 1999 sal-14 ta' Frar 2006;
   d) [KLM], mill-21 ta' Diċembru 1999 sal-14 ta' Frar 2006;

   [...]

2) L-impriżi li ġejjin kisru l-Artikolu 101 [TFUE] sa fejn għandhom x'jaqsmu r-[rotot Unjoni-pajjiżi terzi], matul il-perijodi li ġejjin:

   [...]
   b) [AF-KLM], mill-1 ta' Mejju 2004 sal-14 ta' Frar 2006;
   c) [Air France], mill-1 ta' Mejju 2004 sal-14 ta' Frar 2006;
   d) [KLM], mill-1 ta' Mejju 2004 sal-14 ta' Frar 2006;

   [...]

3) L-impriżi li ġejjin kisru l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE sa fejn għandhom x'jaqsmu r-[rotot ŻEE minbarra dawk Unjoni-pajjiżi terzi], matul il-perijodi li ġejjin:

   [...]
   b) [AF-KLM], mid-19 ta' Mejju 2005 sal-14 ta' Frar 2006;
   c) [Air France], mid-19 ta' Mejju 2005 sal-14 ta' Frar 2006;
   d) [KLM], mid-19 ta' Mejju 2005 sal-14 ta' Frar 2006;

   [...]

4) L-impriżi li ġejjin kisru l-Artikolu 8 tal-[Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru KE-Svizzera] sa fejn għandhom x'jaqsmu r-[rotot Unjoni-Svizzera], matul il-perijodi li ġejjin:

   [...]
   b) [AF-KLM], mill-1 ta' Ġunju 2002 sal-14 ta' Frar 2006;
   c) [Air France], mill-1 ta' Ġunju 2002 sal-14 ta' Frar 2006;
   d) [KLM], mill-1 ta' Ġunju 2002 sal-14 ta' Frar 2006;

[...]

Artikolu 3

Għall-ksur uniku u kontinwu msemmi fl-Artikolu 1 ta' din id-deċiżjoni, huma imposti l-multi li ġejjin [...] :

[...]

b) [AF-KLM] u [Air France] *in solidum*: [EUR] 182 920 000;

[...]

d) [KLM] u [AF-KLM] *in solidum*: [EUR] 124 440 000;

[...]

Artikolu 4

L-impriżi msemmija fl-Artikolu 1 għandhom immedjatament itemmu l-ksur uniku u kontinwu msemmi f'dak l-artikolu, sakemm ma jkunux diġà temmewh.

Huma għandhom iżommu ruħhom ukoll milli jagħmlu kwalunkwe att jew iġibu ruħhom b'mod li jkollu għan jew effett identiku jew simili." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

43 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-30 ta' Mejju 2017, AF-KLM ippreżentat rikors, prinċipalment intiż għall-annullament tad-Deċiżjoni kontenzjuża kollha kemm hi sa fejn din tal-aħħar tikkonċernaha; sussidjarjament, għall-annullament tal-Artikolu 1(1)(b), (2)(b), (3)(b) u (4)(b), tal-Artikolu 3(b), kif ukoll tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni kontenzjuża u għat-tnaqqis tal-ammont tal-multi imposti fuqha f'din id-deċiżjoni, u, b'mod iktar sussidjarju, għall-annullament tal-Artikolu 3(b) u (d) tal-imsemmija deċiżjoni, kif ukoll għat-tnaqqis tal-ammont tal-multi li ġew imposti fuqha.

44 Insostenn ta' dan ir-rikors, AF-KLM qajmet disa' motivi ta' annullament u ressqet disa' argumenti intiżi għat-tnaqqis tal-ammont tal-multi li ġew imposti fuqha.

45 Fost dawn il-motivi, l-ewwel wieħed kien ibbażat fuq illegalitajiet imwettqa fl-imputazzjoni lil AF-KLM tal-prattiki tal-kumpannija preċedentement imsejħa "Société Air France" u ta' Air France kif ukoll ta' parti mill-prattiki ta' KLM, ir-raba' wieħed kien ibbażat fuq in-nuqqas ta' kompetenza tal-Kummissjoni fl-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE għas-servizzi ta' trasport tal-merkanzija inbound, it-tmien wieħed kien ibbażat fuq żbalji u ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità fil-kalkolu tat-tul tal-parteċipazzjoni ta' Air France fil-ksur uniku u kontinwu, u d-disa' wieħed kien ibbażat fuq nuqqas ta' motivazzjoni kif ukoll fuq l-insuffiċjenza tat-tnaqqis ġenerali mogħti minħabba ċirkustanzi attenwanti. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali qajmet *ex officio* motiv ibbażat fuq in-nuqqas ta' kompetenza tal-Kummissjoni fid-dawl tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru KE-Svizzera sabiex tikkonstata u tissanzjona ksur

tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE fir-rigward tar-rotot bejn ajruporti f'pajjiżi li huma partijiet kontraenti fil-Ftehim ŻEE u li ma humiex membri tal-Unjoni u ajruporti fl-Isvizzera (iktar 'il quddiem ir-"rotot ŻEE minbarra dawk Unjoni-Svizzera").

46 L-argumenti insostenn tat-talba tagħha għat-tnaqqis tal-ammont tal-multi kienu jikkorrispondu, f'dak li jirrigwarda sebgħa minnhom, għat-tieni sad-disa' motivi ta' annullament. AF-KLM żiedet, b'risposta għall-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura tal-Qorti Ġenerali dwar il-motiv li hija kienet qajmet *ex officio*, żewġ argumenti addizzjonali li jirrigwardaw, minn naħa, id-dħul minn servizzi ta' trasport tal-merkanzija ġġenerat fir-rotot ŻEE minbarra dawk Unjoni-Svizzera, li kellhom jiġu eskluži mill-valur tal-bejgħ, u, min-naħa l-oħra, il-fatt li l-esklużjoni tar-rotot ŻEE minbarra dawk Unjoni-Svizzera mill-ambitu ġeografiku tal-ksur uniku u kontinwu seta' jiġġustifika tnaqqis fil-koeffiċjent ta' gravità.

47 Permezz tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet dawn il-motivi ta' annullament kollha, inkluż dak li hija kienet qajmet *ex officio*. Madankollu, taħt dan il-motiv tal-aħħar, hija kkonstatat li l-Kummissjoni kienet aċċettat li, fid-determinazzjoni tal-multi, kien possibbli li hija kienet inkludiet "bi żball" fil-valur tal-bejgħ id-dħul mill-bejgħ li ċerti trasportaturi inkriminati kienu ġġeneraw fir-rotot ŻEE minbarra dawk Unjoni-Svizzera matul il-perijodu kkonċernat u qieset li dan kellu effett biss fuq id-dħul li kellu jittieħed inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-kalkolu tal-ammont bażiku ta' dawn il-multi. Barra minn hekk, taħt it-tmien motiv, hija qieset li ma kienx iġġustifikat li l-Kummissjoni tuża kontra Air France ċerti kuntatti msemmija fid-Deċiżjoni kontenzjuża, iżda li din l-istituzzjoni setgħet, madankollu, ġustament tqis li hija kellha biżżejjed provi sa fejn kellha x'taqsam il-parteċipazzjoni ta' Air France fl-akkordju kontenzjuż mis-7 ta' Diċembru 1999 sad-19 ta' Jannar 2001, kif ukoll mill-20 ta' Ottubru 2005 sal-14 ta' Frar 2006, b'tali mod li AF-KLM ma setgħetx tikkritika b'mod utli lill-Kummissjoni talli żammitha responsabbli għall-ksur uniku u kontinwu mis-7 ta' Diċembru 1999 sal-14 ta' Frar 2006.

48 Sa fejn kellu x'jaqsam l-ammont tal-multi, il-Qorti Ġenerali rrilevat li t-total tal-valur tal-bejgħ li għamlu Air France u KLM fl-2005, jiġifieri EUR 1 150 248 000 u EUR 833 845 177, rispettivament, kien jinkludi dħul li sar fir-rotot ŻEE minbarra dawk Unjoni-Svizzera, jiġifieri EUR 2 502 u EUR 5 595, minkejja li dawn ir-rotot ma kinux jaqgħu fil-limiti tal-ksur uniku u kontinwu kkonstatat mill-Kummissjoni, kif ikkonstatat dik il-qorti stess fil-kuntest tal-motiv tagħha mqajjem *ex officio*. Hija għalhekk ikkunsidrat li s-somma ta' dawn l-ammonti kellha tiġi eskluża mit-total tal-valur tal-bejgħ u dan skont it-tielet argument ta' AF-KLM. Barra minn hekk, hija qieset li l-esklużjoni ta' ċerti kuntatti mis-sensiela tal-indizji, li rriżultat mill-eżami tat-tmien motiv, ma kinitx tiġġustifika li jingħata tnaqqis addizzjonali lil AF-KLM minħabba ċirkustanzi attenwanti. Hija żiedet tgħid li ma kien hemm ebda prova li turi li t-tnaqqis ġenerali mogħti minħabba ċirkustanzi attenwanti ma kienx wieħed adegwat. Fi tmiem l-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha, il-Qorti Ġenerali ffissat l-ammont finali tal-multi li kellhom jiġu imposti fuq AF-KLM għal EUR 182 920 000, sa fejn għandu x'jaqsam l-aġir li jikkostitwixxi ksur li għalih hija miżmuma responsabbli *in solidum* ma' Air France u għal EUR 124 440 000 sa fejn għandu x'jaqsam l-aġir li jikkostitwixxi ksur li għalih hija miżmuma responsabbli *in solidum* ma' KLM. Peress li dawn l-ammonti kienu identiċi għall-ammonti tal-multi imposti fuq AF-KLM fid-Deċiżjoni kontenzjuża, hija ċaħdet it-talbiet ta' din l-impriża intiżi li jiġi mmodifikat l-ammont tal-multi.

It-talbiet tal-partijiet fl-appell

49 Permezz tal-appell tagħha, AF-KLM titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– prinċipalment, tannulla s-sentenza appellata u, konsegwentement, tannulla d-Deċiżjoni kontenzjuża sa fejn din tikkonċernaha u timponi multa fuqha;

– sussidjarjament, tnaqqas għal ammont xieraq il-multa ta' EUR 307 360 000 li ġiet imposta fuqha *in solidum* ma', minn naħa, Air France u, min-naħa l-oħra, ma' KLM, permezz tal-Artikolu 3(b) u (d), rispettivament, tad-Deċiżjoni kontenzjuża, u

– fi kwalunkwe każ, tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż sostnuti kemm quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, kif ukoll quddiem il-Qorti Ġenerali.

50 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tiċħad l-appell u tikkundanna lil AF-KLM għall-ispejjeż;

– sussidjarjament, kemm-il darba l-Qorti tal-Ġustizzja kellha tilqa' l-appell, tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali u tirriżerva l-ispejjeż.

Fuq l-appell

51 Insostenn tal-appell tagħha, AF-KLM tqajjem erba' aggravji. L-ewwel aggravju tagħha, invokat b'mod prinċipali, huwa bbażat fuq imputazzjoni żbaljata lil AF-KLM tar-responsabbiltà tal-prattiki ta' Air France u ta' parti mill-prattiki ta' KLM. Permezz tat-tieni aggravju tagħha, invokat b'mod sussidjarju, hija ssostni li l-Qorti Ġenerali għamlet żbalji ta' liġi u kisret l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha meta kkonfermat il-kompetenza tal-Kummissjoni sabiex tapplika l-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE għas-servizzi ta' trasport tal-merkanzija inbound. Permezz tat-tielet aggravju tagħha, invokat ukoll b'mod sussidjarju, hija tallega ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni u tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament meta ittieħdu inkunsiderazjzoni s-sistemi regolamentari. Ir-raba' aggravju tagħha, invokat ukoll b'mod sussidjarju, huwa bbażat fuq żbalji ta' liġi li allegatament għamlet il-Qorti Ġenerali meta evalwat il-parteċipazzjoni ta' Air France, u għalhekk ta' AF-KLM, fil-ksur uniku u kontinwu bejn is-7 ta' Diċembru 1999 u l-14 ta' Frar 2006.

Fuq l-ewwel aggravju, dwar l-imputazzjoni lil AF-KLM tar-responsabbiltà tal-prattiki ta' Air France u ta' parti mill-prattiki ta' KLM

52 L-ewwel aggravju ta' AF-KLM għandu jinqasam f'żewġ partijiet. Permezz tal-ewwel parti, hija tallega li, meta l-Qorti Ġenerali imputatilha l-prattiki ta' KLM mill-5 ta' Mejju 2004 u l-prattiki ta' Air France mill-15 ta' Settembru 2004, hija kisret l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha u wettqet żball ta' liġi. Permezz tat-tieni parti, hija ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żbalji ta' liġi meta imputatilha l-prattiki ta' Air France mis-7 ta' Diċembru 1999 sal-15 ta' Settembru 2004.

Fuq l-ewwel parti, dwar l-imputazzjoni lil AF-KLM tal-prattiki ta' KLM mill-5 ta' Mejju 2004 u tal-prattiki ta' Air France mill-15 ta' Settembru 2004

– *L-argumenti tal-partijiet*

53 AF-KLM issostni li, billi imputatilha l-prattiki ta' KLM mill-5 ta' Mejju 2004 u dawk ta' Air France mill-15 ta' Settembru 2004, il-Qorti Ġenerali, minn naħa, kisret l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha. Hija sempliċement ċaħdet l-argument tagħha intiż li juri li, matul dawn il-perijodi, Air France u KLM kienu joperaw kull waħda b'mod indipendenti fis-suq, mingħajr ma analizzat is-sustanza ta' dan l-argument u mingħajr ma ddeċidiet dwar il-kapaċità tagħha li tipprova l-awtonomija ta' dawn is-sussidjarji, kif juru l-punti 262 u 278 tas-sentenza appellata. Il-Qorti Ġenerali għalhekk sempliċement indikat li l-imsemmija argumenti ma kienu "appoġġjat[i] minn ebda prova", li kienu jikkonsistu f'"dikjarazzjonijiet sempliċi" jew li AF-KLM ma kinitx ikkritikat "b'mod validu" il-provi prodotti mill-Kummissjoni. Issa, matul il-proċedura amministrattiva, AF-KLM wieġbet għal diversi talbiet għal informazzjoni tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward. Barra minn hekk, fir-rikors tagħha quddiem il-Qorti Ġenerali, hija ressqet diversi argumenti li juru li hija ma kinitx teżerċita influwenza determinanti fuq l-aġir tas-sussidjarji kkonċernati.

54 Min-naħa l-oħra, iċ-ċaħda, mill-Qorti Ġenerali, tas-sensiela ta' indizji kkomunikati minn AF-KLM intiżi li jipprovaw li hija ma kinitx teżerċita influwenza determinanti fuq l-aġir tas-sussidjarji tagħha tmur kontra l-ġurisprudenza li tirriżulta mill-punti 195 u 197 tas-sentenza tas-27 ta' Ottubru 2010, Alliance One International *et* vs Il-Kummissjoni (T-24/05, EU:T:2010:453), li fiha l-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-fatt li l-kumpannija omm ta' sussidjarja li kisret tal-Artikolu 101 TFUE ma għandhiex attività tagħha stess u għandha f'din is-sussidjarja sehem ta' natura purament finanzjarja jippermetti li jitqies li din il-kumpannija omm ma teżerċitax influwenza determinanti fuq l-aġir tas-sussidjarja tagħha fis-suq. Ċertament, is-sempliċi fatt li tkun, bħal AF-KLM, holding finanzjarja ma jippermettix, teoretikament, li tiġi eskluża r-responsabbiltà tagħha. Madankollu, l-analiżi tas-sensiela ta' indizji ppreżentati kellha twassal lill-Qorti Ġenerali teżamina l-involviment reali ta' AF-KLM fl-attività tas-sussidjarji kkonċernati tagħha u tikkonstata l-assenza ta' influwenza determinanti ta' din tal-aħħar fuq din l-attività. Fil-fatt, AF-KLM ipproduċiet diversi elementi, relatati mar-rabtiet organizzattivi, ekonomiċi u ġuridiċi bejn din tal-aħħar u l-imsemmija sussidjarji, li jistabbilixxu n-nuqqas totali ta' involviment ta' AF-KLM fil-prattiki inkwistjoni, in-nuqqas ta' involviment tagħha fl-attivitajiet ta' Air France u ta' KLM fis-settur tat-trasport tal-merkanzija bl-ajru kif ukoll l-awtonomija sħiħa tagħhom fis-suq, l-aħħar element li lanqas ma huwa kkontestat mill-Qorti Ġenerali, kif juri l-punt 262 tas-sentenza appellata. Għaldaqstant, skont AF-KLM, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta naqset milli tesponi r-raġunijiet li għalihom l-elementi kollha li hija kienet ipproduċiet ma kinux jippermettu li tiġi eskluża l-influwenza determinanti allegatament eżerċitata fuq l-aġir ta' dawn is-sussidjarji.

55 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argument ta' AF-KLM.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

56 Fl-ewwel lok, għandu jitfakkar li l-obbligu ta' motivazzjoni, impost fuq il-Qorti Ġenerali skont l-Artikolu 36 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, moqri flimkien mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 53 tagħha, jimponilha li tgħarraf b'mod ċar u inekwivoku r-raġunament li hija segwiet, b'mod li jippermetti lill-persuni kkonċernati jkunu jafu l-ġustifikazzjonijiet tad-deċiżjoni meħuda u lill-Qorti tal-Ġustizzja teżerċita l-istħarriġ ġudizzjarju tagħha (sentenzi

tal-11 ta' April 2013, Mindo vs Il-Kummissjoni, C-652/11 P, EU:C:2013:229, punt 29, kif ukoll tas-26 ta' Settembru 2024, Covestro Deutschland u Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni, C-790/21 P u C-791/21 P, EU:C:2024:792, punt 113 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

57 Madankollu, dan l-obbligu ma jeżiġix li l-Qorti Ġenerali tipprovdi espożizzjoni li ssegwi b'mod eżawrjenti u wieħed wieħed ir-raġunamenti kollha esposti mill-partijiet fit-tilwima. Il-motivazzjoni tista' għalhekk tkun impliċita, bil-kundizzjoni li tippermetti lill-persuni kkonċernati li jkunu jafu r-raġunijiet li fuqhom tibbaża ruħha l-Qorti Ġenerali u lill-Qorti tal-Ġustizzja li jkollha għad-dispożizzjoni tagħha elementi suffiċjenti sabiex teżerċita l-istħarriġ tagħha fil-kuntest ta' appell (sentenzi tas-7 ta' Jannar 2004, Aalborg Portland *et* vs Il-Kummissjoni, C-204/00 P, C-205/00 P, C-211/00 P, C-213/00 P, C-217/00 P u C-219/00 P, EU:C:2004:6, punt 372, kif ukoll tas-26 ta' Settembru 2024, Covestro Deutschland u Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni, C-790/21 P u C-791/21 P, EU:C:2024:792, punt 114 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

58 Għandu jitfakkar ukoll li l-imsemmi obbligu ta' motivazzjoni jikkostitwixxi formalità essenzjali li għandha tiġi distinta mill-kwistjoni tal-fondatezza tal-motivazzjoni, li taqa' taħt il-legalità fil-mertu tal-att kontenzjuż (sentenzi tat-2 ta' April 1998, Il-Kummissjoni vs Sytraval u Brink' s France, C-367/95 P, EU:C:1998:154, punt 67, u tal-4 ta' Ottubru 2024, UPL Europe u Indofil Industries (Netherlands) vs Il-Kummissjoni, C-262/23 P, EU:C:2024:862, punt 134 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

59 F'dan il-każ, ċertament, fil-punt 262 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali sempliċement ikkonstatat, fir-rigward tal-argument li Air France u KLM kienu jiddeterminaw b'mod awtonomu l-politika kummerċjali tagħhom, l-istrateġija tagħhom, il-baġit tagħhom u l-aġir tagħhom fis-settur tat-trasport tal-merkanzija bl-ajru, li AF-KLM "[issoktat tagħmel] [...] dikjarazzjonijiet sempliċi". Bl-istess mod, hija rrilevat, fil-punt 261 tas-sentenza appellata, li d-dikjarazzjoni ta' AF-KLM li hija ma kinitx involuta fl-attivitajiet operattivi u kummerċjali tas-sussidjarji tagħha ma kinitx, b'mod partikolari, "appoġġjata minn ebda prova" u, fil-punt 278 tal-imsemmija sentenza, li ċerti raġunijiet imressqa mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kontenzjuża insostenn tal-imputazzjoni lil AF-KLM tal-prattiki ta' KLM mill-5 ta' Mejju 2004, minbarra dawk eżaminati fil-punti 271 sa 277 tas-sentenza appellata, ma kinux "ikkritikati b'mod validu".

60 Madankollu, minn qari tal-punti rilevanti kollha tas-sentenza appellata jirriżulta li r-raġunijiet imsemmija fil-punt preċedenti ta' din is-sentenza ma humiex l-uniċi msemmija mill-Qorti Ġenerali għall-finijiet taċ-ċaħda tal-argument imressaq minn AF-KLM, dwar l-iżbalji allegatament imwettqa mill-Kummissjoni waqt l-imputazzjoni lil AF-KLM tal-prattiki ta' KLM mill-5 ta' Mejju 2004 u ta' dawk ta' Air France mill-15 ta' Settembru 2004.

61 Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali indirizzat dan l-argument, li kien jinkludi erba' lmenti, fil-punti 216 sa 288 tas-sentenza appellata. Għalhekk, l-ewwel, fil-punti 220 sa 240 ta' din is-sentenza, hija eżaminat l-ilment ta' AF-KLM ibbażat fuq allegata motivazzjoni insuffiċjenti taċ-ċaħda tal-elementi li kienu juru, fil-fehma tagħha, l-awtonomija ta' Air France u ta' KLM. Hija kkonkludiet, f'dan ir-rigward, li d-deċiżjoni kontenzjuża kienet suffiċjentement motivata.

62 It-tieni, fil-punti 243 sa 249 tal-imsemmija sentenza, il-Qorti Ġenerali eżaminat l-ilment ta' AF-KLM ibbażat fuq żball fl-imputazzjoni lil din tal-aħħar tal-prattiki ta' KLM mill-5 ta' Mejju 2004 sal-15 ta' Settembru 2004. F'dan ir-rigward, hija kkonstatat b'mod partikolari, fil-punti 245 sa 248 tal-istess sentenza, li kien paċifiku bejn il-partijiet li AF-KLM u l-kumpannija preċedentement imsejħa "Société Air France", li l-Qorti Ġenerali indikat, minħabba konvenzjoni

ta' kitba adottata fil-punt 53 tas-sentenza appellata, bħala l-"kumpannija li kienet Air France", huma l-istess persuna ġuridika waħda. Hija kkonstatat li AF-KLM kienet għalhekk kompliet, fir-rigward taż-żamma tal-kontroll ta' KLM mill-5 ta' Mejju 2004 sal-15 ta' Settembru 2004, teżerċita d-drittijiet u tassumi l-obbligi li hija kienet diġà akkwistat meta kienet għadha taħt l-isem preċedenti tagħha. Għaldaqstant, hija kkonkludiet li AF-KLM żbaljat meta ddikjarat li l-Kummissjoni kienet żammitha responsabbli għall-aġir li jikkostitwixxi ksur tas-sussidjarja tagħha għal perijodu preċedenti għall-akkwist tagħha.

63 It-tielet, fil-punti 253 sa 279 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali evalwat l-ilment ibbażat fuq żbalji fl-imputazzjoni lil AF-KLM tal-prattiki ta' Air France u ta' KLM mill-15 ta' Settembru 2004. F'dan il-kuntest, minn naħa, fir-rigward tal-imputazzjoni lil AF-KLM tal-prattiki ta' Air France, il-Qorti Ġenerali fakkret b'mod partikolari, fil-punt 254 ta' din is-sentenza, li l-preżunzjoni ta' eżerċizzju effettiv ta' influwenza determinanti minħabba l-kontroll li jimplika ż-żamma, minn AF-KLM, tal-kapital kollu ta' Air France u tad-drittijiet tal-vot assoċjati mal-azzjonijiet ta' Air France kellha l-konsegwenza, konformement mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, li kienet AF-KLM, bħala kumpannija omm, li kellha tipproduċi provi ta' natura li juru li s-sussidjarja tagħha kienet taġixxi b'mod awtonomu fis-suq. Fil-punti 258 sa 267 tal-imsemmija sentenza, il-Qorti Ġenerali eżaminat l-argumenti li kienu tressqu quddiemha f'dan ir-rigward minn AF-KLM u kkonkludiet, fil-punt 268 tal-istess sentenza, li kien hemm lok li jiġi kkonstatat li din tal-aħħar ma rnexxilhiex tikkonfuta l-preżunzjoni msemmija iktar 'il fuq, fis-sens li hija kienet effettivament eżerċitat influwenza determinanti fuq Air France matul il-perijodu ta' bejn il-15 ta' Settembru 2004 u l-14 ta' Frar 2006.

64 Min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-imputazzjoni lil AF-KLM tal-prattiki ta' KLM, il-Qorti Ġenerali fakkret b'mod partikolari, fil-punt 255 tas-sentenza appellata, li, fl-assenza ta' applikazzjoni tal-preżunzjoni mfakkra fil-punt 254 ta' din is-sentenza, AF-KLM kienet obbligata biss li tistabbilixxi li l-Kummissjoni ma kinitx uriet b'mod suffiċjenti fid-dritt li KLM ma kinitx tiddetermina b'mod awtonomu l-aġir tagħha fis-suq. F'dan ir-rigward, hija rrilevat, qabelxejn, fil-punt 269 tal-imsemmija sentenza, li mill-punti 258 sa 267 tagħha kien jirriżulta li ebda wieħed mill-iżbalji allegati ma kien jivvizzja l-konstatazzjoni tal-Kummissjoni li AF-KLM kienet effettivament eżerċitat influwenza determinanti fuq KLM. Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali indikat, fil-punt 270 tal-istess sentenza, li kien għad fadal li jiġu evalwati l-argumenti mressqa minn AF-KLM dwar l-elementi msemmija fl-anness kunfidenzjali tad-deċiżjoni kontenzjuża dwar ir-rabtiet li hija kellha ma' KLM, filwaqt li enfasizzat li l-argumenti relatati ma' Air France kellhom jiġu miċħuda bħala ineffettivi peress li AF-KLM ma rnexxilhiex tipprova li l-Kummissjoni wettqet żball meta bbażat ruħha fuq il-preżunzjoni inkwistjoni. Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali eżaminat, u ċaħdet, dawn l-argumenti fil-punti 271 sa 278 tas-sentenza appellata, peress li dan it-tielet ilment ġie miċħud kollu kemm hu fil-punt 279 ta' din is-sentenza.

65 Ir-raba', fil-punti 282 sa 287 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali eżaminat l-ilment ta' AF-KLM ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipji ta' responsabbiltà personali u ta' individwalizzazzjoni tal-pieni u tas-sanzjonijiet. F'dan ir-rigward, hija rrilevat, b'mod partikolari, fil-punt 285 ta' din is-sentenza, li, sa fejn AF-KLM ibbażat dan l-ilment fuq in-nuqqas ta' eżerċizzju ta' influwenza determinanti fuq Air France u fuq KLM, mingħajr ma pproduċiet elementi mhux diġà mqajma fil-kuntest tal-ilmenti preċedenti, mill-eżami li hija kienet diġà wettqet jirriżulta li l-Kummissjoni kienet uriet b'mod suffiċjenti fid-dritt li AF-KLM kienet teżerċita tali influwenza fuq is-sussidjarji tagħha matul il-perijodi inkwistjoni, b'tali mod li l-imsemmi lment kien ibbażat fuq premessa żbaljata. Hija żiedet, fil-punt 286 tal-imsemmija sentenza, li, sa fejn din kienet eżenti minn żbalji u fid-dawl tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 282 u 283 tal-istess sentenza, dwar b'mod partikolari

l-kunċett ta' "impriża", l-imputazzjoni lil AF-KLM tal-prattiki ta' Air France mill-15 ta' Settembru 2004 u ta' dawk ta' KLM mill-5 ta' Mejju 2004 ma kinitx tikser il-prinċipji ta' responsabbiltà personali u ta' individwalizzazzjoni tal-pieni u tas-sanzjonijiet.

66 Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat, fid-dawl ta' dawn l-elementi u fid-dawl tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 56 u 57 ta' din is-sentenza, li l-allegazzjoni ta' ksur, mill-Qorti Ġenerali, tal-obbligu ta' motivazzjoni tagħha fir-rigward taċ-ċaħda tal-argument ta' AF-KLM intiż li juri li, matul il-perijodi kkontestati, Air France u KLM kienu joperaw kull waħda b'mod indipendenti fis-suq ma hijiex fondata u għalhekk għandha tiġi miċħuda.

67 Barra minn hekk, sa fejn AF-KLM għandha l-intenzjoni tikkontesta l-fondatezza tal-evalwazzjonijiet imwettqa mill-Qorti Ġenerali fil-punti 218 sa 268 tas-sentenza appellata, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 58 ta' din is-sentenza, tali kritika tirrigwarda l-legalità fil-mertu tal-att kontenzjuż u, konsegwentement, ma tistax tkun il-bażi ta' ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni.

68 L-argument espost fil-punt 53 ta' din is-sentenza għandu, konsegwentement, jiġi miċħud bħala infondat.

69 Fit-tieni lok, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 256(1) TFUE u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, l-appell għandu jkun limitat għall-punti ta' liġi.

70 Għalhekk, hija biss il-Qorti Ġenerali li tista' tikkonstata u tevalwa l-fatti rilevanti kif ukoll li tevalwa l-provi. Fil-fatt, ladarba dawn il-provi jkunu nkisbu b'mod regolari, u l-prinċipji ġenerali tad-dritt kif ukoll ir-regoli ta' proċedura li japplikaw fir-rigward tal-oneru u tal-produzzjoni tal-prova jkunu ġew osservati, hija biss il-Qorti Ġenerali li tista' tevalwa l-valur li għandu jingħata lill-provi li jkunu nġiebu quddiemha. Għalhekk, l-evalwazzjoni ta' dawn il-fatti u provi ma hijiex, ħlief fil-każ tal-iżnaturament tagħhom, punt ta' liġi suġġett, bħala tali, għall-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-istadju tal-appell (sentenzi tat-28 ta' Mejju 1998, Deere vs Il-Kummissjoni, C-7/95 P, EU:C:1998:256, punt 22, u tat-18 ta' Marzu 2021, Pometon vs Il-Kummissjoni, C-440/19 P, EU:C:2021:214, punt 50, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

71 Issa, permezz tal-argument tagħha espost fil-punt 54 ta' din is-sentenza, AF-KLM sempliċement issostni li l-Qorti Ġenerali kellha tqis li d-diversi elementi li hija kienet ipproduċiet kienu jistabbilixxu n-nuqqas totali ta' involviment tagħha fil-prattiki inkwistjoni, in-nuqqas ta' interferenza tagħha fl-attivitajiet ta' Air France u ta' KLM fis-settur tat-trasport tal-merkanzija bl-ajru kif ukoll l-awtonomija sħiħa tagħhom fis-suq.

72 F'dan ir-rigward, għandu, b'mod partikolari, jiġi rrilevat li l-punti 195 u 197 tas-sentenza tas-27 ta' Ottubru 2010, Alliance One International *et* vs Il-Kummissjoni (T-24/05, EU:T:2010:453), li AF-KLM tinvoka sabiex tistabbilixxi li, f'dan il-każ ukoll, il-Qorti Ġenerali kellha tikkonkludi li hija ma kinitx teżerċita influwenza determinanti fuq l-aġir tas-sussidjarji tagħha fis-suq, jinkludu biss evalwazzjonijiet ta' natura fattwali, speċifiċi għaċ-ċirkustanzi tal-kawża li tat lok għal din is-sentenza. Għalhekk, fi kwalunkwe każ, dawn l-evalwazzjonijiet huma irrilevanti f'din il-kawża. Barra minn hekk, AF-KLM ma tallegax li l-Qorti Ġenerali żnaturat il-fatti u l-provi prodotti quddiemha.

73 Għalhekk, peress li AF-KLM tfittex biss li tikseb mill-Qorti tal-Ġustizzja evalwazzjoni ġdida tas-sensiela ta' indizji li hija pproduċiet quddiem il-Qorti Ġenerali, dan l-argument għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli, konformement mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 70 ta' din is-sentenza.

74 Barra minn hekk, sa fejn, permezz tal-imsemmi argument, AF-KLM tallega mill-ġdid li l-Qorti Ġenerali ma ssodisfatx l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha peress li ma spjegatx ir-raġunijiet għalfejn l-elementi kollha li hija pproduċiet ma setgħux jeskludu li hija kienet teżerċita influwenza determinanti fuq is-sussidjarji tagħha, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li dan l-argument ma huwiex differenti, fis-sustanza tiegħu, minn dak espost fil-punt 53 ta' din is-sentenza u li n-natura infondata tiegħu diġà ġiet stabbilita fil-punti 59 sa 66 tagħha. Għaldaqstant, dan għandu wkoll jiġi miċħud bħala infondat, għall-istess raġunijiet bħal dawk indikati f'dawn il-punti 59 sa 66.

75 Għalhekk, l-argument espost fil-punt 54 ta' din is-sentenza huwa parzjalment inammissibbli u parzjalment infondat.

76 Konsegwentement, l-ewwel parti tal-ewwel aggravju għandha tiġi miċħuda parzjalment inammissibbli u parzjalment infondata.

Fuq it-tieni parti, dwar l-imputazzjoni lil AF-KLM tal-prattiki ta' Air France mis-7 ta' Diċembru 1999 sal-15 ta' Settembru 2004

– *L-argumenti tal-partijiet*

77 AF-KLM issostni li, billi imputatilha l-prattiki ta' Air France mis-7 ta' Diċembru 1999 sal-15 ta' Settembru 2004, il-Qorti Ġenerali kisret ir-regoli li jirregolaw is-suċċessjoni ekonomika tal-impriżi fi ħdan l-istess grupp kif ukoll il-prinċipji ta' responsabbiltà personali u ta' individwalizzazzjoni tal-pieni u tas-sanzjonijiet.

78 Fil-punti 303, 309, 311 u 313 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali indikat li d-deċiżjoni kontenzjuża kellha tinftiehem fis-sens li l-kumpannija preċedentement imsejħa "Société Air France" kellha żewġ suċċessuri distinti, jiġifieri AF-KLM, bħala suċċessur legali, u s-sussidjarja tagħha Air France, bħala suċċessur ekonomiku. Issa, peress li AF-KLM hija kumpannija holding mhux operattiva, li Air France hija attiva fis-suq ikkonċernat u li l-attivitajiet kollha ta' trasport bl-ajru tal-kumpannija preċedentement imsejħa "Société Air France" ġew ittrasferiti lil Air France, il-Qorti Ġenerali kellha tikkonstata li AF-KLM ma setgħetx tinżamm responsabbli għall-prattiki tal-kumpannija preċedentement imsejħa "Société Air France" mis-7 ta' Diċembru 1999 sal-15 ta' Settembru 2004, peress li s-suċċessur ekonomiku ta' din il-kumpannija preċedenti baqa' attiv fis-suq.

79 Il-Kummissjoni ssostni li din il-parti hija inammissibbli u, fi kwalunkwe każ, infondata.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

80 Għandu jiġi rrilevat qabel kollox li din il-parti hija bbażata fuq il-premessa li AF-KLM ġiet iddikjarata responsabbli għall-prattiki tal-kumpannija preċedentement imsejħa "Société Air France" mis-7 ta' Diċembru 1999 sal-15 ta' Settembru 2004 bħala suċċessur, ekonomiku jew legali jew ekonomiku u legali, ta' din il-kumpannija.

81 Madankollu, il-punti 303, 309, 311 u 313 tas-sentenza appellata, li AF-KLM tinvoka insostenn ta' din il-premessa, ma għandhomx il-portata li tagħtihom din il-parti.

82 Fil-fatt, fil-punt 303 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-premessa 1080 tad-deċiżjoni kontenzjuża għandha tiġi interpretata bħala li tikkonstata r-responsabbiltà ta' AF-KLM esklużivament abbażi tal-kontinwità legali kkonstatata mal-kumpannija preċedentement imsejħa "Société Air France". Fil-punt 309 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali sempliċement fakkret il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, li tirriżulta mill-punt 78 tas-sentenza tas-16 ta' Novembru 2000, Cascades vs Il-Kummissjoni (C-279/98 P, EU:C:2000:626), li tipprovdi li, bħala prinċipju, hija l-persuna fiżika jew ġuridika li kienet tmexxi l-impriża kkonċernata fil-mument meta twettaq il-ksur li għandha twieġeb għalih, anki jekk, fil-mument tal-adozzjoni tad-deċiżjoni li tikkonstata l-ksur, it-tmexxija tal-impriża tkun tqiegħdet taħt ir-responsabbiltà ta' persuna oħra. Fil-punt 311 tal-imsemmija sentenza, hija kkonstatat li mill-premessi 22 u 1080 tad-deċiżjoni kontenzjuża jirriżulta, u li kien paċifiku, li l-persuna ġuridika implikata fil-ksur uniku u kontinwu qabel il-15 ta' Settembru 2004, jiġifieri l-kumpannija preċedentement imsejħa "Société Air France", kienet baqgħet teżisti wara din id-data, bla ħsara għal bidla fl-isem tal-kumpannija u fl-għan tagħha, peress li din il-kumpannija preċedenti, entità ġuridika operattiva, kienet saret AF-KLM. Fil-punt 313 tal-istess sentenza, il-Qorti Ġenerali indirizzat l-argument, invokat minn AF-KLM, li Air France kienet ġiet imputata wkoll, bħala suċċessur ekonomiku, dan l-aġir, sabiex tikkonkludi, billi bbażat ruħha f'dan ir-rigward fuq il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, li, sa fejn ir-responsabbiltà ta' AF-KLM għall-aġir tal-kumpannija preċedentement imsejħa "Société Air France" ma kinitx idderivata minn dik tas-sussidjarja tagħha Air France, AF-KLM ma kinitx ammissibbli, fil-kuntest tar-rikors li hija kienet ippreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali, li tilmenta li l-Kummissjoni imputat lil din is-sussidjarja l-aġir tal-kumpannija preċedentement imsejħa "Société Air France" mis-7 ta' Diċembru 1999 sal-15 ta' Settembru 2004.

83 Dawn il-konstatazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali ma humiex ikkontestati f'dan l-appell. Barra minn hekk, fil-punt 245 tas-sentenza appellata, li lanqas ma huwa kkontestat, il-Qorti Ġenerali rrilevat li kien paċifiku bejn il-partijiet li AF-KLM u l-kumpannija preċedentement imsejħa "Société Air France", li kienet teżisti sal-15 ta' Settembru 2004, kienu jikkostitwixxu l-istess persuna ġuridika waħda, kif jirriżulta mill-premessi 22 u 1080 tad-deċiżjoni kontenzjuża.

84 Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li l-premessa li fuqha AF-KLM tibbaża din il-parti hija żbaljata, peress li AF-KLM tinżamm responsabbli għall-prattiki tal-kumpannija preċedentement imsejħa "Société Air France" mis-7 ta' Diċembru 1999 sal-15 ta' Settembru 2004 mhux minħabba allegata kwalità ta' suċċessur ta' din il-kumpannija, iżda minħabba l-fatt li hija tiżgura l-kontinwità legali tad-drittijiet u tal-obbligi ta' din tal-aħħar, peress li din hija l-istess entità ġuridika li sempliċement biddlet l-isem tal-kumpannija u l-għan tal-kumpannija, u li għalhekk hija direttament u personalment responsabbli għall-aġir tagħha qabel din l-aħħar data, bħala awtur ta' dan l-aġir.

85 Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta essenzjalment iddeċidiet, fil-punt 307 tas-sentenza appellata, li l-ġurisprudenza dwar il-kriterji li jirregolaw l-attribuzzjoni tar-responsabbiltà għal ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni fil-każijiet ta' suċċessjoni ta' impriżi ma kinitx rilevanti f'dan il-każ, u għalhekk, ċaħdet l-eżistenza ta' kwalunkwe problema ta' suċċessjoni ta' impriżi f'dan il-każ, peress li tali problema tqum biss meta persuna tiġi attribwita r-responsabbiltà għall-aġir antikompetittiv adottat minn persuna oħra.

86 Barra minn hekk, konformement ma' ġurisprudenza stabbilita, imfakkra wkoll, essenzjalment, mill-Qorti Ġenerali fil-punt 309 tas-sentenza appellata, meta impriża tikser ir-regoli tal-kompetizzjoni, hija għandha, skont il-prinċipju ta' responsabbiltà personali, twieġeb għal dan il-ksur (sentenza tal-24 ta' Settembru 2009, Erste Group Bank *et* vs Il-Kummissjoni, C-125/07 P, C-133/07 P, C-135/07 P u C-137/07 P, EU:C:2009:576, punt 77 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

87 Barra minn hekk, li kieku impriżi setgħu jevitaw sanzjonijiet minħabba s-sempliċi fatt li l-identità tagħhom ġiet modifikata wara ristrutturazzjonijiet, ċessjonijiet jew tibdil ġuridiku jew organizzattiv ieħor, l-għan li jiġi ssanzjonat l-aġir li jmur kontra d-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni u li jiġi evitat li dan jerġa' jseħħ permezz ta' sanzjonijiet dissważivi jiġi kompromess (sentenza tal-24 ta' Settembru 2020, Prysmian u Prysmian Cavi e Sistemi vs Il-Kummissjoni, C-601/18 P, EU:C:2020:751, punt 86 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

88 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li t-tieni parti tal-ewwel aggravju għandha tiġi miċħuda bħala infondata.

89 Konsegwentement, hemm lok li l-ewwel aggravju jiġi miċħud.

Fuq it-tieni aggravju, dwar il-kompetenza tal-Kummissjoni sabiex tapplika l-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE għas-servizzi ta' trasport tal-merkanzija inbound

90 It-tieni aggravju ta' AF-KLM għandu jinqasam f'żewġ partijiet. Permezz tal-ewwel parti, hija tallega li l-Qorti Ġenerali kisret ir-Regolament Nru 411/2004 billi interpretat ħażin dan ir-regolament. Permezz tat-tieni parti, hija ssostni li l-analiżi tal-effetti kkwalifikati li għamlet il-Qorti Ġenerali hija f'kull każ ivvizzjata bi żbalji ta' liġi u bi ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni.

Fuq l-ewwel parti, ibbażata fuq ksur tar-Regolament Nru 411/2004

– L-argumenti tal-partijiet

91 AF-KLM ssostni li l-punti 93 u 97 tas-sentenza appellata huma żbaljati fid-dritt sa fejn fihom il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li r-Regolament Nru 411/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 40/2005 taw kompetenza lill-Kummissjoni sabiex tapplika, rispettivament, l-Artikoli 101 u 102 TFUE għar-rotot Unjoni-pajjiżi terzi mill-1 ta' Mejju 2004 u l-Artikoli 53 u 54 tal-Ftehim ŻEE għar-rotot ŻEE minbarra dawk Unjoni-pajjiżi terzi mid-19 ta' Mejju 2005, u li din il-kompetenza ma kinitx teskludi s-servizzi ta' trasport tal-merkanzija inbound, minħabba li ma kienx għad hemm "bażi testwali espliċita" li tista' tiġġustifika li dawn is-servizzi jibqgħu eskluż mis-sistema li stabbilixxa r-Regolament Nru 1/2003.

92 Fil-fehma tagħha, huwa minnu li l-Qorti Ġenerali rrikonoxxiet li l-applikazzjoni tar-Regolament Nru 411/2004 għas-servizzi ta' trasport tal-merkanzija inbound ma hijiex prevista b'mod espliċitu minn dan tal-aħħar, peress li d-direzzjoni tar-rotot imsemmija ma hijiex indikata f'dan ir-regolament. Madankollu, hija kkunsidrat li n-nuqqas ta' riferiment espliċitu għan-nuqqas ta' kompetenza tal-Kummissjoni sabiex tieħu konjizzjoni tas-servizzi ta' trasport tal-merkanzija inbound kellu jiġi interpretat fis-sens li jagħti kompetenza lill-Kummissjoni f'dan ir-rigward. Issa, fid-dawl tal-prinċipju li meta l-qorti jkollha dubju, hija l-impriża li lilha tkun indirizzata deċiżjoni li tikkonstata ksur li għandha tingħata l-benefiċċju tad-dubju, il-leġiżlazzjoni applikabbli għandha

tiġi interpretata f'sens li ma jqegħedx lil din l-impriża fi żvantaġġ. Għaldaqstant, billi r-Regolament Nru 411/2004 ma jgħid xejn dwar id-direzzjoni tar-rotot "bejn pajjiżi terzi u l-Unjoni" u billi dan ir-regolament jirreferi b'mod espliċitu għall-kompetenza tal-Kummissjoni fil-qasam tat-trasport bl-ajru għat-traffiku "bejn il-Komunità u l-pajjiżi terzi", il-Qorti Ġenerali kellha tinterpreta l-imsemmi regolament fis-sens li jeskludi s-servizzi ta' trasport tal-merkanzija inbound mill-kompetenza tal-Kummissjoni.

93 Il-Kummissjoni ssostni li l-ewwel parti ma hijiex fondata.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

94 Għandu jiġi rrilevat, fl-ewwel lok, li, skont l-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 411/2004, tħassar il-punt (ċ) tal-Artikolu 32 tar-Regolament Nru 1/2003, li kienet tipprevedi li dan ir-regolament tal-aħħar ma kienx japplika "għat-trasport bl-ajru bejn ajruporti tal-[Unjoni] u ta' pajjiżi terzi". Skont l-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 411/2004, dan it-tħassir daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2004. Għaldaqstant, b'effett minn din id-data, ir-Regolament Nru 1/2003, kif emendat bir-Regolament Nru 411/2004, ma għadux jinkludi dispożizzjoni li bis-saħħa tagħha r-Regolament Nru 1/2003 ma japplikax għat-trasport bl-ajru bejn l-ajruporti tal-Unjoni u dawk ta' pajjiżi terzi.

95 Barra minn hekk, la d-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 411/2004 u lanqas il-preambolu ta' dan ir-regolament, b'mod partikolari l-premessi 2, 3 u 7 tiegħu, ma juru, kif essenzjalment irrilevat il-Qorti Ġenerali fil-punt 94 tas-sentenza appellata, li l-leġiżlatur tal-Unjoni, billi għamel riferiment, kemm fit-titolu tal-imsemmi regolament kif ukoll f'dawn il-premessi, għat-trasport bl-ajru "bejn" l-Unjoni u pajjiżi terzi, ried ikopri biss it-trasport bl-ajru "minn" l-Unjoni "lejn" pajjiżi terzi, jew, fi kliem ieħor, it-trasport bl-ajru outbound biss. Għall-kuntrarju, il-kelma "bejn", skont is-sens abitwali tagħha fil-lingwaġġ ta' kuljum, tindika l-ispazju li jissepara żewġ imkejjen, żewġ oġġetti jew żewġ persuni. Hija għalhekk newtrali sa fejn għandha x'taqsam, f'dan il-każ, id-direzzjoni tat-trasport bl-ajru msemmi.

96 Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali ma għamlet ebda żball ta' liġi meta kkonstatat, fil-punt 93 tas-sentenza appellata, li, b'effett mill-1 ta' Mejju 2004, ma kienx għad baqa' "bażi testwali espliċita" li tista' tiġġustifika li s-servizzi ta' trasport tal-merkanzija inbound jibqgħu eskluż mis-sistema li stabbilixxa r-Regolament Nru 1/2003, kif emendat bir-Regolament Nru 411/2004.

97 Fit-tieni lok, is-sentenza appellata ma turi, f'kull każ, għall-kuntrarju ta' dak li qiegħda tissuġġerixxi AF-KLM, ebda dubju min-naħa tal-Qorti Ġenerali dwar il-portata tar-Regolament Nru 411/2004. F'dan ir-rigward, minn naħa, l-allegazzjoni ta' AF-KLM li l-Qorti Ġenerali rrikonoxxiet li l-applikazzjoni tar-Regolament Nru 411/2004 għas-servizzi ta' trasport tal-merkanzija inbound ma hijiex prevista b'mod espliċitu f'dan tal-aħħar, ma hijiex sostnuta mis-sentenza appellata. Barra minn hekk, din l-allegazzjoni hija kkonfutata mill-interpretazzjoni letterali ta' dan ir-regolament imfissra fil-punt 93 tas-sentenza appellata. Min-naħa l-oħra, il-Qorti Ġenerali rrilevat ukoll, fil-punti 94 sa 96 ta' din is-sentenza, li ma hemm xejn fil-formulazzjoni jew fl-istruttura ġenerali tal-imsemmi regolament li jippermetti li jitqies li l-leġiżlatur tal-Unjoni ried iżomm is-servizzi ta' trasport tal-merkanzija inbound eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1/2003; li l-għan tar-Regolament Nru 411/2004 kien favur li s-servizzi ta' trasport tal-merkanzija inbound jiġu inklużi f'dan il-kamp ta' applikazzjoni, u li x-xogħol preparatorju ta' dan ir-regolament tal-aħħar regolament kien jikkonferma li l-leġiżlatur tal-Unjoni bl-ebda mod ma ried jagħmel distinzjoni bejn, b'mod partikolari, ir-rotot inbound u r-rotot li jitilqu miż-ŻEE u li sejrin f'pajjiżi terzi.

98 Fit-tielet lok, huwa stabbilit li r-Regolament Nru 411/2004 ġie integrat fil-Ftehim ŻEE permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 40/2005, billi r-Regolament Nru 1/2003 kien ġie huwa stess integrat f'dan il-ftehim permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 130/2004, u li dawn iż-żewġ deċiżjonijiet daħlu fis-seħħ fid-19 ta' Mejju 2005.

99 Minn dak kollu premess jirriżulta li l-Qorti Ġenerali ġustament ikkonkludiet, fil-punt 97 tas-sentenza appellata, li s-servizzi ta' trasport tal-merkanzija inbound jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 411/2004 kif ukoll f'dak tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 40/2005 u li minn dan hija ddeduċiet li l-Kummissjoni ma għamlet ebda żball meta kienet żammet, fil-premessa 1041 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, li l-Artikolu 101 TFUE kien japplika għat-trasport bl-ajru bejn l-Unjoni u l-pajjiżi terzi "fiż-żewġ direzzjonijiet", u l-istess kunsiderazzjonijiet japplikaw għall-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE sa fejn għandhom x'jaqsmu r-rotot ŻEE minbarra dawk Unjoni-pajjiżi terzi.

100 Konsegwentement, l-ewwel parti tat-tieni aggravju għandha tiġi miċħuda bħala infondata.

Fuq it-tieni parti, ibbażata fuq żbalji ta' liġi fl-analiżi tal-effetti kkwalifikati u fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni

– *L-argumenti tal-partijiet*

101 AF-KLM issostni li, f'kull każ, il-Qorti Ġenerali għamlet żbalji ta' liġi u kisret l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha billi ġġustifikat il-kompetenza tal-Kummissjoni fir-rigward tas-servizzi ta' trasport tal-merkanzija inbound fid-dawl tal-kriterju bbażat fuq l-effetti kkwalifikati tal-prattiki antikompetittivi fl-Unjoni (iktar 'il quddiem il-"kriterju tal-effetti kkwalifikati") u dan peress li dan il-kriterju ma ġiex issodisfatt f'dan il-każ.

102 L-ewwel nett, il-punti 122, 126 u 127 tas-sentenza appellata huma, fil-fehma tagħha, ivvizzjati bi ksur tal-Artikolu 101 TFUE u b'konfużjoni tal-kompetenza territorjali tal-Kummissjoni u tal-klassifikazzjoni ta' prattika bħala restrizzjoni fuq il-kompetizzjoni. Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali, billi ddikjarat li l-applikazzjoni tal-kriterju tal-effetti kkwalifikati ma tistax teżiġi li jintwerew l-effetti konkreti li tippreżupponi l-klassifikazzjoni ta' aġir bħala restrizzjoni fuq il-kompetizzjoni minħabba l-"effett", ikkunsidrat li huwa possibbli li ma jintwerewx l-effetti kkwalifikati ta' prattika implimentata barra miż-ŻEE meta din tal-aħħar tkun tista' tiġi kklassifikata bħala restrizzjoni fuq il-kompetizzjoni minħabba l-għan. Issa, dan ma huwiex eżatt peress li, sabiex tistabbilixxi, fid-dawl tal-kriterju tal-effetti kkwalifikati, il-kompetenza possibbli tal-Kummissjoni sa fejn għandhom x'jaqsmu prattiki implimentati barra miż-ŻEE, din l-istituzzjoni għandha turi li l-prattiki inkwistjoni jipproduċu effetti prevedibbli, immedjati u sostanzjali fiż-ŻEE, u li dawn l-effetti aktarx ser iseħħu. Ebda wieħed minn dawn il-kriterji ma jikkorrispondi għal dawk li jiddefinixxu l-effetti possibbli ta' ksur minħabba l-għan. L-analiżi tal-kriterju tal-effetti kkwalifikati ma tistax tkun inqas stretta meta jkun hemm restrizzjoni fuq il-kompetizzjoni minħabba l-għan.

103 It-tieni nett, il-Qorti Ġenerali ma applikatx l-istandard ta' prova li ddefinixxiet il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tas-6 ta' Settembru 2017, Intel vs Il-Kummissjoni (C-413/14 P, EU:C:2017:632) fir-rigward tal-prova tal-effetti kkwalifikati u kisret l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha. Sa fejn għandhom x'jaqsmu l-prattiki implimentati barra miż-ŻEE u li jikkonċernaw servizzi nnegozjati u ffatturati lil klijenti li jinsabu barra miż-ŻEE, id-determinazzjoni tal-kompetenza tal-Kummissjoni sabiex tieħu konjizzjoni tagħhom teħtieġ li din l-istituzzjoni

turi li dawn il-prattiki għandhom effetti "prevedibbli, immedjati u sostanzjali fiż-ŻEE". Issa, fil-punti 135, 136 u 150 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali qieset li effetti indiretti – u li hija stess tirrikonoxxi n-natura inċerta tagħhom – kienu biżżejjed sabiex jiġu stabbiliti "effetti kkwalifikati", fis-sens tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, peress li, barra minn hekk, din l-inċertezza ma baqgħetx tissemma fil-punt 152 ta' din is-sentenza. Madankollu, ma jistgħux jiġu stabbiliti tali effetti meta jkunu remoti wisq jew purament ipotetiċi.

104 It-tielet nett, il-Qorti Ġenerali la wriet u lanqas ivverifikat in-natura "probabbli" tal-allegati effetti kkwalifikati. Bħall-Kummissjoni, il-Qorti Ġenerali sempliċement fakkret in-natura tal-ksur, mingħajr ma vverifikat l-effett tas-sovrataxxi fuq il-prezz tal-bejgħ totali tas-servizzi ta' trasport tal-merkanzija, minkejja li dawn is-sovrataxxi kienu jirrappreżentaw biss medja ta' 18 % tal-prezz finali tas-servizzi fis-snin 2004-2005. Il-Qorti Ġenerali lanqas ma pprovat tivverifika jekk l-ispedizjoniera kinux effettivament għaddew din l-allegata żieda fil-prezz lill-ispedituri fl-ispiża totali tat-trasport u, jekk iva, sa fejn kienu hekk għaddew tali żieda, u lanqas jekk dawn l-ispedituri kinux għaddew din l-allegata żieda fl-ispiża tat-trasport lill-konsumaturi u, jekk iva, sa fejn kienu hekk għaddew tali żieda.

105 Ir-raba' nett, fl-istadju tal-analiżi tal-prevedibbiltà tal-effetti, il-Qorti Ġenerali rraġunat b'mod ċirkulari, billi obbligat lil AF-KLM tipproduċi prova impossibbli, u qalbet illegalment l-oneru tal-prova. B'hekk, fil-punti 139, 140 u 143 tas-sentenza appellata, hija kkritikat lil AF-KLM talli ma wrietx li "effett waterbed" kien tant probabbli li jagħmel l-effett inkwistjoni, jiġifieri ż-żieda fil-prezzijiet, wieħed imprevedibbli. Issa, l-oneru ta' din il-prova kien jaqa' fuq il-Kummissjoni. AF-KLM tirrileva li hija invokat dan l-effett fil-kuntest tal-proċedura amministrattiva, iżda li l-Kummissjoni sempliċement enfasizzat li kien hemm inkwistjoni restrizzjoni fuq il-kompetizzjoni minħabba l-għan, mingħajr ma analizzat ir-rilevanza tal-imsemmi effett fid-Deċiżjoni kontenzjuża.

106 Il-ħames nett, mill-punti 175 *et seq* tas-sentenza appellata jirriżulta li l-Qorti Ġenerali qieset li hija setgħet tiġġustifika l-kompetenza tal-Kummissjoni sabiex tieħu konjizzjoni tar-rotot inbound billi tirreferi għan-natura unika u kontinwa tal-ksur. Madankollu, il-kunċett ta' "ksur uniku u kontinwu" ma jippermettix li tiġi estiża l-portata tal-projbizzjonijiet stabbiliti fit-Trattat FUE. Ir-riferiment li għamlet, f'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali fil-punt 57 tas-sentenza tas-6 ta' Settembru 2017, Intel vs Il-Kummissjoni (C-413/14 P, EU:C:2017:632), huwa irrilevanti u jinjora l-portata ta' din is-sentenza. Fil-fatt, il-kawża li wasslet għal din tal-aħħar kienet tikkonċerna prattika implimentata fuq livell globali, f'suq ġeografiku uniku b'dimensjoni dinjija u li tħalli impatt, b'mod partikolari, fiż-ŻEE, filwaqt li, f'dan il-każ, il-prattiki ġew implimentati fi swieq ġeografiċi distinti, li wħud minnhom, bħal dak tar-rotot inbound, jinsabu barra miż-ŻEE. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali qalbet, b'dan il-mod, l-istadji tar-raġunament tagħha. Għandu l-ewwel jiġi evalwat jekk kull element sostanzjali tal-ksur jaqax fil-kompetenza tal-Kummissjoni. Huwa biss wara li jsir dan li għandu, jekk ikun il-każ, jiġi evalwat jekk il-prattiki differenti identifikati jsegwux pjan ġenerali fil-kuntest ta' ksur uniku u kontinwu. Prattiki li l-Kummissjoni ma għandhiex il-kompetenza li tindirizza ma jistgħux jintrabtu b'mod artifiċjali *a posteriori* ma' prattiki li jaqgħu fil-kompetenza tagħha.

107 Is-sitt nett, il-Qorti Ġenerali, sabiex turi l-eżistenza ta' effetti kkwalifikati, issostitwixxiet il-motivazzjoni tad-Deċiżjoni kontenzjuża b'tagħha, u dan bi ksur tal-ġurisprudenza. B'hekk, filwaqt li l-eżistenza tal-effetti kkwalifikati hija eżaminata biss fil-premessa 1045 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, l-analiżi li għamlet il-Qorti Ġenerali, li kienet ukoll insuffiċjenti, ma tinsabx f'din id-deċiżjoni. AF-KLM tirreferi, f'dan ir-rigward, għall-analiżi tal-Qorti Ġenerali meta din tal-aħħar evalwat ir-rilevanza tal-"effett inkwistjoni", fil-punti 118 sa 137 tas-sentenza appellata,

il-prevedibbiltà ta' dan l-effett, fil-punti 138 sa 155 ta' din is-sentenza, in-natura sostanzjali tal-imsemmi effett, fil-punti 156 sa 166 tal-imsemmija sentenza, in-natura immedjata ta' dan tal-aħħar, fil-punti 167 sa 174 tal-istess sentenza, kif ukoll l-effetti tal-ksur uniku u kontinwu, fil-punti 175 sa 187 tas-sentenza appellata. F'kull wieħed minn dawn l-istadji, il-Qorti Ġenerali bbażat ruħha fuq provi li l-Kummissjoni ma qagħditx fuqhom fl-imsemmija deċiżjoni. Għalhekk, hija adottat motivazzjoni ġdida sabiex tiġġustifika r-raġunament żbaljat tal-Kummissjoni. Fi kwalunkwe każ, anki li kellu jitqies li l-Kummissjoni effettivament iġġustifikat l-eżistenza tal-effetti kkwalifikati abbażi tal-premessi tad-Deċiżjoni kontenzjuża li l-Qorti Ġenerali semmiet fis-sentenza appellata, tali rimedju *a posteriori* huwa insuffiċjenti, peress li n-nuqqas ta' motivazzjoni tal-att ikkontestat ma jistax jiġi rrimedjat mill-fatt li l-persuna kkonċernata ssir taf bir-raġunijiet għal dan tal-aħħar matul il-proċedura ġudizzjarja.

108 Il-Kummissjoni tirribatti li t-tieni parti tat-tieni aggravju ma hijiex fondata.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

109 Fl-ewwel lok, għandu jiġi rrilevat li, bħalma ssostni AF-KLM, il-Qorti Ġenerali indikat, fil-punt 122 tas-sentenza appellata, li, fil-każ ta' aġir li l-Kummissjoni tkun qieset, bħal f'dan il-każ, li jikxef livell ta' ħsara għall-kompetizzjoni fis-suq intern jew fiż-ŻEE b'tali mod li seta' jiġi kklassifikat bħala restrizzjoni fuq il-kompetizzjoni minħabba l-"għan" fis-sens tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE, l-applikazzjoni tal-kriterju tal-effetti kkwalifikati ma tistax teħtieġ il-prova tal-effetti konkreti li tippreżupponi l-klassifikazzjoni ta' aġir bħala restrizzjoni fuq il-kompetizzjoni minħabba r-"riżultat", fis-sens ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

110 Bl-istess mod, hija indikat, fil-punt 126 ta' din is-sentenza, li jekk wieħed jinterpreta l-kriterju tal-effetti kkwalifikati kif AF-KLM donnha qiegħda tissuġġerixxi, fis-sens li jeħtieġ il-prova tal-effetti konkreti tal-aġir kontenzjuż anki meta jkun hemm restrizzjoni fuq il-kompetizzjoni minħabba l-"għan", jiġri li l-kompetenza tal-Kummissjoni li tikkonstata u tissanzjona ksur tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE ssir suġġetta għal kundizzjoni li ma għandha ebda bażi fit-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

111 Minn dan il-Qorti Ġenerali ddeduċiet, fil-punt 127 tal-imsemmija sentenza, li AF-KLM, minn naħa, ma setgħetx validament tikkritika lill-Kummissjoni talli għamlet żball meta qieset li l-kriterju tal-effetti kkwalifikati kien issodisfatt, meta din tal-aħħar, fil-premessi 917, 1190 u 1277 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, kienet indikat li hija ma kinitx obbligata tevalwa l-effetti antikompetittivi tal-aġir kontenzjuż fid-dawl tal-għan antikompetittiv ta' dan tal-aħħar u, min-naħa l-oħra, lanqas ma setgħet tiddeduċi minn dawn il-premessi li l-Kummissjoni ma kienet għamlet ebda analiżi tal-effetti li pproduċa l-imsemmi aġir fis-suq intern jew fiż-ŻEE għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' dan il-kriterju.

112 Madankollu, kif diġà indikat mill-motivi esposti fit-tieni lok f'dan il-punt 127, minn dawn il-punti kkontestati minn AF-KLM ma jistax jiġi dedott li, sabiex tistabbilixxi li, f'dan il-każ, il-kriterju tal-effetti kkwalifikati kien issodisfatt, il-Qorti Ġenerali qieset li kien biżżejjed li l-akkordju kontenzjuż ikun jista' jiġi kklassifikat bħala restrizzjoni fuq il-kompetizzjoni minħabba l-għan.

113 Fil-fatt, minn qari tal-punti 118 sa 136 tas-sentenza appellata kollha kemm huma jirriżulta li, fl-imsemmija punti kkontestati, il-Qorti Ġenerali sempliċement ċaħdet l-argument li AF-KLM kienet ressqet quddiemha, miġbur fil-qosor fl-aħħar tal-punt 105 ta' din is-sentenza. B'hekk, f'dawn il-punti, hija spjegat ir-raġunijiet għaliex AF-KLM kienet żbaljata meta sostniet li

l-indikazzjoni mill-Kummissjoni, fil-partijiet tad-Deċiżjoni kontenzjuża li jikkonċernaw, fir-rigward tal-premessa 917 ta' din tal-aħħar, il-klassifikazzjoni tar-restrizzjoni fuq il-kompetizzjoni inkwistjoni u, fir-rigward tal-premessi 1190 u 1277 tagħha, il-kalkolu tal-multa, il-Kummissjoni kienet indikat li l-prova tal-effetti antikompetittivi reali ma kienx meħtieġ, peress li l-għan antikompetittiv tal-aġir ikkritikat kien stabbilit, kienet tfisser li l-Kummissjoni kienet, minħabba dan l-għan antikompetittiv, astjeniet milli tevalwa jekk dan l-aġir kienx ipproduċa l-effetti kkwalifikati meħtieġa sabiex tistabbilixxi l-kompetenza tagħha li tapplika l-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE għas-servizzi ta' trasport tal-merkanzija inbound.

114 Issa, minn naħa, il-Qorti Ġenerali, billi essenzjalment irrispondiet li l-kriterju tal-effetti kkwalifikati, li jservi bħala bażi għall-kompetenza ekstraterritorjali tal-Kummissjoni, huwa differenti mill-kwistjoni jekk l-akkordju kontenzjuż jistax jiġi kklassifikat bħala restrizzjoni fuq il-kompetizzjoni, fis-sens tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE, ma għamlet ebda żball ta' liġi. Kif irrileva wkoll l-Avukat Ġenerali fil-punt 42 tal-konklużjonijiet tiegħu, il-kriterju tal-effetti kkwalifikati, li jista' jservi bħala bażi għall-kompetenza ta' applikazzjoni ekstraterritorjali tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni u taż-ŻEE mill-Kummissjoni fid-dawl tad-dritt internazzjonali pubbliku, ma jikkoinċidix mal-kriterju sostanzjali relatat mar-restrizzjoni fuq il-kompetizzjoni, minħabba l-għan jew minħabba l-effett, fi ħdan is-suq intern tal-Unjoni jew fiż-ŻEE, li għalih hija suġġetta l-kompetenza tal-Kummissjoni sabiex tikkonstata u tissanzjona, taħt id-dritt tal-Unjoni, ksur ta' dawn ir-regoli tal-kompetizzjoni.

115 Min-naħa l-oħra, l-analiżi tal-Qorti Ġenerali intiża li jiġi ddeterminat jekk il-Kummissjoni kinitx korrettament qieset li, f'dan il-każ, il-kriterju tal-effetti kkwalifikati kien issodisfatt, hija spjegata fil-punti 137 sa 174 tas-sentenza appellata fir-rigward tal-koordinazzjoni relatata mas-servizzi ta' trasport tal-merkanzija inbound ikkunsidrata waħedha u fil-punti 175 sa 186 ta' din is-sentenza fir-rigward tal-ksur uniku u kontinwu kkunsidrat fl-intier tiegħu.

116 F'dawn iċ-ċirkustanzi, AF-KLM tinterpreta ħażin is-sentenza appellata meta hija ssostni li l-Qorti Ġenerali qieset li kien possibbli, sabiex tiġi stabbilita, abbażi tal-kriterju tal-effetti kkwalifikati, il-kompetenza tal-Kummissjoni li tapplika l-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE għal aġir adottat barra mit-territorju taż-ŻEE, li ma jintwerewx tali effetti meta dan l-aġir ikun jista' jiġi kklassifikat bħala restrizzjoni fuq il-kompetizzjoni minħabba l-għan. L-argument espost fil-punt 102 ta' din is-sentenza għandu, konsegwentement, jiġi miċħud bħala infondat.

117 Fit-tieni lok, għandu jitfakkar li l-kriterju tal-effetti kkwalifikati, bħall-kriterju bbażat fuq il-post li fih jiġu implimentati l-prattiki antikompetittivi, ifittex li jilħaq l-għan li jiġi identifikat aġir li ċertament ma jkunx ġie adottat fit-territorju tal-Unjoni jew, skont il-każ, taż-ŻEE, iżda li l-effetti antikompetittivi tiegħu jkunu jistgħu jinħassu fis-suq tal-Unjoni jew taż-ŻEE. B'hekk, il-kriterju tal-effetti kkwalifikati jippermetti li tiġi ġġustifikata l-applikazzjoni tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni jew taż-ŻEE fid-dawl tad-dritt internazzjonali pubbliku, meta jkun prevedibbli li l-aġir inkwistjoni jipproduċi effett immedjat u sostanzjali fl-Unjoni jew fiż-ŻEE. F'dan ir-rigward, sabiex tiġi ssodisfatta l-kundizzjoni dwar ir-rekwiżit ta' prevedibbiltà, huwa biżżejjed li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-effetti probabbli ta' aġir partikolari fuq il-kompetizzjoni. Barra minn hekk, sabiex ir-rekwiżit ta' immedjatezza jiġi ssodisfatt huwa biżżejjed li l-aġir inkwistjoni jkun "jista'" jkollu effett immedjat fl-Unjoni jew fiż-ŻEE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Settembru 2017, Intel vs Il-Kummissjoni, C-413/14 P, EU:C:2017:632, punti 45, 49, 51 u 52).

118 B'hekk, kif issostni AF-KLM, il-Kummissjoni, sabiex tistabbilixxi li l-kriterju tal-effetti kkwalifikati jkun issodisfatt, għandha tistabbilixxi li l-prattiki kkonċernati jkollhom effetti prevedibbli, immedjati u sostanzjali fl-Unjoni jew, bħal f'dan il-każ, fiż-ŻEE, kriterji li l-Qorti Ġenerali fakkret ukoll fil-punti 116 u 137 tas-sentenza appellata. Madankollu, għall-kuntrarju ta' dak li ssostni AF-KLM permezz tal-argument tagħha spjegat fil-punt 103 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali, fil-punti 135, 136 u 150 tas-sentenza appellata, billi qieset li effetti indiretti u inċerti biss kienu biżżejjed sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' effetti kkwalifikati, fis-sens tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt preċedenti ta' din is-sentenza, ma tbegħditx minn dan il-kriterju.

119 L-ewwel nett, kif jirriżulta minn qari tal-punti 111, 112, 115 u 128 sa 137 tas-sentenza appellata, dawn il-punti 135 u 136 jagħmlu parti mill-analiżi tal-Qorti Ġenerali dwar l-evalwazzjoni tar-rilevanza tal-ewwel motiv li fuqu qagħdet il-Kummissjoni fil-premessa 1045 tad-Deċiżjoni kontenzjuża sabiex tissostanzja l-konstatazzjoni tagħha li, f'dan il-każ, il-kriterju tal-effetti kkwalifikati kien issodisfatt. Dan il-motiv kien jikkonsisti fl-"ispejjeż miżjuda tat-trasport bl-ajru lejn iż-ŻEE u għalhekk fil-prezzijiet ogħla tal-merkanzija importata [li setgħu], min-natura tagħhom, ikollhom effetti fuq il-konsumaturi fi ħdan iż-ŻEE" – motiv li l-Qorti Ġenerali rreferiet għalih bħala "effett inkwistjoni" (iktar 'il quddiem l-"effett fuq il-prezzijiet tal-merkanzija importata"), li fir-rigward tiegħu AF-KLM sostniet li ma kienx fost l-effetti li pproduċa l-aġir kontenzjuż u li l-Kummissjoni kellha teħodhom inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-kriterju tal-effetti kkwalifikati.

120 Peress li, għalhekk, il-punti 135 u 136 tas-sentenza appellata ma jikkonċernawx il-kwistjoni dwar jekk l-effett fuq il-prezzijiet tal-merkanzija importata kellux in-natura prevedibbli, sostanzjali u immedjata meħtieġa, minn dan jirriżulta li l-argument espost fil-punt 103 ta' din is-sentenza, sa fejn jirrigwarda dawn il-punti 135 u 136, huwa bbażat fuq qari żbaljat tas-sentenza appellata. Huwa għandu, għalhekk, jiġi miċħud bħala infondat.

121 It-tieni nett, sa fejn dan l-argument jirrigwarda l-punt 150 tas-sentenza appellata, għandu jiġi rrilevat li għalkemm huwa minnu li dan il-punt jinsab fil-parti ta' din is-sentenza li tikkonċerna n-natura prevedibbli tal-effett fuq il-prezzijiet tal-merkanzija importata, f'dak il-punt, il-Qorti Ġenerali sempliċement iddikjarat li, "[f]'dawn iċ-ċirkustanzi", kien raġonevolment prevedibbli għat-trasportaturi inkriminati li l-ispedizjoniera kienu ser jgħaddu tali spiża addizzjonali lill-ispedituri permezz ta' żieda fil-prezz tas-servizzi ta' tranżitu. Għandu jiġi kkonstatat, għalhekk, li, fl-imsemmi punt, il-Qorti Ġenerali ma indikatx li huma biss effetti indiretti u inċerti, jew ukoll "remoti jew purament ipotetiċi", li huma biżżejjed sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' effetti kkwalifikati, fis-sens tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Billi l-imsemmi argument huwa bbażat ukoll fuq qari żbaljat tas-sentenza appellata, dan għandu jiġi miċħud bħala infondat.

122 Fl-aħħar nett, sa fejn l-istess argument essenzjalment iwassal sabiex tiġi kkontestata l-evalwazzjoni li għamlet il-Qorti Ġenerali tan-natura prevedibbli tal-effett fuq il-prezzijiet tal-merkanzija importata, dan ma huwiex differenti minn dak imfisser fil-punt 105 ta' din is-sentenza, li huwa eżaminat fil-punti 134 sa 138 ta' din is-sentenza.

123 Minn dak premess jirriżulta li, bir-riżerva identifikata fil-punt preċedenti, l-argument espost fil-punt 103 ta' din is-sentenza għandu jiġi miċħud bħala infondat.

124 Fit-tielet lok, għandu jiġi rrilevat, l-ewwel nett, li mill-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 117 ta' din is-sentenza jirriżulta li l-kundizzjoni dwar il-"probabbiltà" tal-effetti kkwalifikati li tirreferi għaliha AF-KLM ma hijiex differenti minn dik dwar il-prevedibbiltà ta' dawn l-effetti, peress li, skont din il-ġurisprudenza, sabiex tiġi ssodisfatta l-kundizzjoni relatata mar-rekwiżit ta' prevedibbiltà, huwa

biżżejjed li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-effetti probabbli ta' aġir partikolari fuq il-kompetizzjoni. Għaldaqstant, AF-KLM ma tistax validament tikkritika lill-Qorti Ġenerali, kif spjegat fil-punt 104 ta' din is-sentenza, talli naqset milli turi u tivverifika n-natura probabbli tal-effett fuq il-prezzijiet tal-merkanzija importata, meta, fil-punti 138 sa 155 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali analizzat in-natura prevedibbli ta' dan l-effett.

125 It-tieni nett, sa fejn, permezz tal-argument imfisser f'dan il-punt 104, AF-KLM issostni li l-Qorti Ġenerali la wriet u lanqas ivverifikat in-natura prevedibbli tal-effett fuq il-prezzijiet tal-merkanzija importata, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li din id-dikjarazzjoni hija kontradetta mill-imsemmija punti 138 sa 155 tas-sentenza appellata, li jispjegaw b'mod preċiż l-analiżi tal-Qorti Ġenerali dwar l-evalwazzjoni tan-natura prevedibbli ta' dan l-effett, liema effett AF-KLM tallega li ma jeżistix.

126 Fl-aħħar nett, fil-punti 140 sa 142 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li s-sovrataxxa tal-fjuwil, is-sovrataxxa tas-sigurtà u r-rifjut li jitħallsu kummissjonijiet kienu jammontaw, kif jirriżulta mill-premessi 846, 909, 1199 u 1208 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, għal aġir kollużiv ta' ffissar orizzontali tal-prezzijiet, li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, huwa aċċettat li dan jwassal għal, b'mod partikolari, żidiet fil-prezzijiet li, min-naħa tagħhom, iwasslu għal tqassim ħażin tar-riżorsi bi ħsara, b'mod partikolari, tal-konsumaturi. Għaldaqstant, hija qieset li kien prevedibbli għat-trasportaturi inkriminati li l-iffissar orizzontali tas-sovrataxxa tal-fjuwil u tas-sovrataxxa tas-sigurtà jwassal għal żieda fl-ammont ta' dawn tal-aħħar u li r-rifjut li jitħallsu kummissjonijiet seta' jżid tali żieda. Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li tali rifjut kien rifjut miftiehem li jagħti lill-ispedizjoniera skontijiet fuq is-sovrataxxi u għalhekk kien intiż li t-trasportaturi inkriminati jkunu jistgħu "jżommu taħt kontroll" l-inċertezza fir-rigward tat-tarifikazzjoni li setgħet toħloq il-kompetizzjoni fil-ħlas ta' kummissjonijiet u b'hekk tneħħi il-kompetizzjoni fir-rigward tas-sovrataxxi, kif kienet irrilevat il-Kummissjoni fil-premessi 874 u 879 tad-Deċiżjoni kontenzjuża.

127 Il-Qorti Ġenerali żiedet tgħid, fil-punt 143 tas-sentenza appellata, li l-prezz tas-servizzi ta' trasport tal-merkanzija huwa magħmul, kif jirriżulta mill-premessa 17 ta' din id-deċiżjoni, mit-tariffi u mis-sovrataxxi, fosthom is-sovrataxxa tal-fjuwil u s-sovrataxxa tas-sigurtà u li, sakemm wieħed ma jqisx li żieda fis-sovrataxxa tal-fjuwil u fis-sovrataxxa tas-sigurtà hija, minħabba effett waterbed probabbli biżżejjed, ikkumpensata minn tnaqqis korrispondenti fit-tariffi u f'sovrataxxi oħra, tali żieda setgħet, bħala prinċipju, twassal għal żieda fil-prezz totali tas-servizzi ta' trasport tal-merkanzija inbound.

128 Hija eżaminat ukoll, fil-punti 147 sa 150 tas-sentenza appellata, jekk kienx prevedibbli għat-trasportaturi inkriminati li l-ispedizjoniera jgħaddu din iż-żieda lill-klijenti tagħhom stess, jiġifieri lill-ispedituri, b'żieda fil-prezz tas-servizzi ta' tranżitu – ħaġa li hija qieset li kienet raġonevolment prevedibbli għat-trasportaturi inkriminati. F'dan ir-rigward, hija rrilevat li l-prezz tas-servizzi ta' trasport tal-merkanzija kien, għall-ispedizjoniera u kif essenzjalment jirriżulta mill-premessi 14 u 70 tal-imsemmija deċiżjoni, spiża varjabbli li żieda fiha jkollha, bħala prinċipju, l-effett li żżid l-ispiża marġinali li fid-dawl tagħha l-ispedizjoniera jiffissaw il-prezzijiet tagħhom stess. Fil-punti 151 sa 153 ta' din is-sentenza, hija kkonstatat ukoll li, kif jirriżulta mill-premessi 70 u 1031 tal-istess deċiżjoni, l-ispiża tal-merkanzija, li l-ispedizjoniera ġeneralment jieħdu ħsieb it-trasport integrat tagħha f'isem l-ispedituri, tinkludi l-prezz tas-servizzi ta' tranżitu u, b'mod partikolari, dak tas-servizzi ta' trasport tal-merkanzija, b'tali mod li kien prevedibbli wkoll għat-trasportaturi inkriminati li l-ksur uniku u kontinwu jkollu bħala effett, sa fejn kien jikkonċerna r-rotot inbound, żieda fil-prezz tal-merkanzija importata fiż-ŻEE.

129 Fid-dawl tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 117 ta' din is-sentenza, li tgħid li sabiex tiġi ssodisfatta l-kundizzjoni relatata mar-rekwiżit ta' prevedibbiltà huwa biżżejjed li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-effetti probabbli ta' aġir partikolari fuq il-kompetizzjoni, għandu jiġi kkonstatat li, f'dawn il-punti tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali għamlet tabilħaqq il-verifika meħtieġa u li ma għamlet ebda żball ta' liġi meta kkonkludiet li l-Kummissjoni kienet għalhekk stabbilixxiet b'mod suffiċjenti li l-effett fuq il-prezzijiet tal-merkanzija importata kellu n-natura prevedibbli meħtieġa.

130 Fil-fatt, kif irrileva wkoll l-Avukat Ġenerali fil-punt 73 tal-konklużjonijiet tiegħu, għandhom jitqiesu li huma prevedibbli, fis-sens ta' din il-ġurisprudenza, id-danni kollha li l-partijiet fl-akkordju għandhom raġonevolment ikunu jafu, fil-limiti ta' dak li huwa ġeneralment magħruf, li ser iseħħu, għall-kuntrarju tad-danni li jirriżultaw minn sekwenza ta' ġrajjiet kompletament straordinarja. Issa, kif diġà ġie rrilevat fil-punt 126 ta' din is-sentenza u kif fakkret ukoll il-Qorti Ġenerali fil-punt 140 tas-sentenza appellata, huwa stabbilit li aġir kollużiv, bħal dak li jwassal għall-iffissar orizzontali tal-prezzijiet permezz tal-kartelli, iwassal għal tnaqqis fil-produzzjoni u għal żidiet fil-prezzijiet, li jwasslu, min-naħa tagħhom, għal tqassim ħażin tar-riżorsi bi ħsara, b'mod partikolari, tal-konsumaturi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Settembru 2014, CB vs Il-Kummissjoni, C-67/13 P, EU:C:2014:2204, punt 51).

131 Għaldaqstant, għall-kuntrarju ta' dak dak li tallega AF-KLM, ma kienx meħtieġ, sabiex tiġi stabbilita n-natura prevedibbli tal-effett fuq il-prezzijiet tal-merkanzija importata, li l-Qorti Ġenerali tivverifika konkretament l-effett tas-sovrataxxi fuq il-prezz tal-bejgħ totali tas-servizzi ta' trasport tal-merkanzija u lanqas jekk l-ispedizjoniera kinux effettivament għaddew din l-allegata żieda fil-prezz lill-ispedituri fl-ispiża totali tat-trasport u, jekk iva, sa fejn kienu hekk għaddew tali żieda, u lanqas jekk dawn l-ispedituri kinux għaddew din l-allegata żieda fl-ispiża tat-trasport lill-konsumaturi u, jekk iva, sa fejn kienu hekk għaddew tali żieda.

132 Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali ħadet inkunsiderazzjoni l-fatt li s-sovrataxxi kienu jirrappreżentaw, bħala medja, 18 % tal-prezz totali ffatturat lill-ispedizjoniera minn Air France fis-snin 2004-2005, fattur li ssemma fil-punt 163 tas-sentenza appellata, fil-kuntest tal-analiżi, mill-Qorti Ġenerali, tan-natura sostanzjali tal-effett fuq il-prezzijiet tal-merkanzija importata.

133 Konsegwentement, l-argument espost fil-punt 104 ta' din is-sentenza għandu jiġi miċħud bħala infondat.

134 Fir-raba' lok, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, hija l-Kummissjoni li għandha tipproduċi l-provi xierqa sabiex turi, b'mod suffiċjenti fid-dritt, l-eżistenza tal-fatti li jikkostitwixxu ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni. Mill-banda l-oħra, hija l-impriża li tqajjem eċċezzjoni kontra l-konstatazzjoni ta' tali ksur li għandha tipproduċi l-prova li din l-eċċezzjoni għandha tintlaqa'. Madankollu, anki jekk, skont dawn il-prinċipji, l-oneru tal-prova jaqa' fuq il-Kummissjoni jew fuq l-impriża kkonċernata, il-provi fattwali li parti tipproduċi jistgħu jobbligaw lill-parti l-oħra tagħti spjegazzjoni jew ġustifikazzjoni u, fin-nuqqas ta' dan, ikun jista' jiġi konkluż li r-regoli fil-qasam tal-oneru tal-prova jkunu ġew issodisfatti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023, Royal Antwerp Football Club, C-680/21, EU:C:2023:1010, punt 120 u l-ġurisprudenza ċċitata).

135 Ibbażata fuq ir-regoli ġenerali ta' amministrazzjoni tal-provi, din il-ġurisprudenza tista' tiġi applikata għas-sitwazzjoni li fiha l-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-kompetenza territorjali tagħha fir-rigward ta' aġir li joriġina barra mit-territorju tal-Unjoni jew taż-ŻEE.

136 F'dan il-każ, kif diġà ġie spjegat fil-punt 127 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali kkonstatat, fil-punt 143 tas-sentenza appellata, li, sakemm ma jitqiesx li żieda fis-sovrataxxa tal-fjuwil u fis-sovrataxxa tas-sigurtà hija, minħabba effett waterbed probabbli biżżejjed, ikkumpensata minn tnaqqis korrispondenti fit-tariffi u f'sovrataxxi oħra, tali żieda setgħet, bħala prinċipju, twassal għal żieda fil-prezz totali tas-servizzi ta' trasport tal-merkanzija inbound. Huwa minnu li hija żiedet tgħid li AF-KLM kienet baqgħet ma wrietx li effett waterbed kien tant probabbli li jagħmel l-effett fuq il-prezzijiet tal-merkanzija importata wieħed imprevedibbli. Madankollu, kif jirriżulta mill-punt 126 ta' din is-sentenza, din il-konstatazzjoni hija ppreċeduta, fil-punti 140 sa 142, kif ukoll fl-ewwel sentenza tal-punt 143 tas-sentenza appellata, minn analiżi li fi tmiemha l-Qorti Ġenerali qieset li kien prevedibbli għat-trasportaturi inkriminati li l-iffissar orizzontali tas-sovrataxxa tal-fjuwil u tas-sovrataxxa tas-sigurtà, kif ukoll ir-rifjut li jitħallsu kummissjonijiet, iwasslu għal żieda fil-prezz totali tas-servizzi ta' trasport tal-merkanzija inbound.

137 B'hekk, kien biss wara li kkonstatat li, fid-Deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni kienet uriet b'mod suffiċjenti n-natura prevedibbli ta' tali żieda li l-Qorti Ġenerali eżaminat jekk AF-KLM kinitx ipproduċiet provi li jippermettu li tiġi kkonfutata din il-konstatazzjoni. Peress li AF-KLM allegat, f'dan ir-rigward, l-eżistenza ta' "effett waterbed", il-Qorti Ġenerali kkonstatat, fil-punt 144 tas-sentenza appellata, li r-rapport ekonomiku invokat minnha sabiex turi dan l-effett kien sempliċement juri, fir-realtà, relazzjoni bejn l-evoluzzjoni effettiva tal-livell tas-sovrataxxa tas-sigurtà ffatturata minn Air France u KLM u dik tal-prezz tal-pitrolju, mingħajr, madankollu, ma wera li kien probabbli biżżejjed li żieda fis-sovrataxxa tal-fjuwil tkun ikkumpensata minn tnaqqis korrispondenti fit-tariffi u f'sovrataxxi oħra sal-punt li l-effett fuq il-prezzijiet tal-merkanzija importata jsir wieħed imprevedibbli.

138 Issa, fid-dawl tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 134 ta' din is-sentenza, huwa mingħajr ma taqleb illegalment l-oneru tal-prova li l-Qorti Ġenerali setgħet tqis, li, minn naħa, billi hija kienet essenzjalment ikkonstatat fil-punti 140 sa 142, kif ukoll fl-ewwel sentenza tal-punt 143 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni kienet stabbilixxiet b'mod suffiċjenti, fid-Deċiżjoni kontenzjuża, in-natura prevedibbli taż-żieda fil-prezz totali tas-servizzi ta' trasport tal-merkanzija inbound minħabba s-sovrataxxa tal-fjuwil u s-sovrataxxa tas-sigurtà, kienet AF-KLM li kellha tipproduċi l-prova kuntrarja, u, min-naħa l-oħra, li, fin-nuqqas ta' tali prova kuntrarja sodisfaċenti, AF-KLM ma kienx irnexxielha tikkonfuta l-konstatazzjoni li l-Qorti Ġenerali għamlet preliminarjament.

139 Barra minn hekk, sa fejn AF-KLM tallega li, b'dan il-mod, il-Qorti Ġenerali rraġunat b'mod ċirkulari u obbligatha tipproduċi prova impossibbli, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li, peress li l-Kummissjoni rrifjutat li tieħu inkunsiderazzjoni dan l-effett fid-Deċiżjoni kontenzjuża billi invokat il-klassifikazzjoni tal-prattiki kontenzjużi bħala restrizzjoni fuq il-kompetizzjoni minħabba l-għan, dan l-argument huwa bbażat fuq l-istess premessa bħall-argument imfisser fil-punt 102 ta' din is-sentenza, li, fil-punti 109 sa 116 ta' din is-sentenza, diġà ntwera li hija żbaljata.

140 Konsegwentement, l-argument imfisser fil-punt 105 ta' din is-sentenza għandu jiġi miċħud ukoll bħala infondat.

141 Fil-ħames lok, sa fejn għandu x'jaqsam l-argument imfisser fil-punt 107 ta' din is-sentenza, li għandu jiġi eżaminat qabel l-aħħar, għandu jitfakkar li huwa minnu li mill-ġurisprudenza jirriżulta li l-portata tal-istħarriġ tal-legalità previst fl-Artikolu 263 TFUE tkopri l-elementi kollha tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-proċeduri ta' applikazzjoni tal-Artikoli 101 TFUE u 102 TFUE li l-Qorti Ġenerali għandha tiżgura stħarriġ iddettaljat tagħhom, kemm fid-dritt kif

ukoll fil-fatt, fid-dawl tal-motivi li jqajjem ir-rikorrent u tal-provi kollha li jipproduċi dan tal-aħħar. Madankollu, fil-kuntest ta' dan l-istħarriġ, il-qrati tal-Unjoni ma jistgħux, fi kwalunkwe każ, jissostitwixxu l-motivazzjoni tal-awtur tal-att inkwistjoni b'tagħhom stess (sentenza tal-4 ta' Lulju 2024, Westfälische Drahtindustrie u Pampus Industriebeteiligungen vs Il-Kummissjoni, C-70/23 P, EU:C:2024:580, punt 38, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

142 Għalhekk, il-Qorti Ġenerali ma tistax timla, bil-motivazzjoni tagħha stess, lakuna fil-motivazzjoni tal-att ikkontestat, b'tali mod li l-eżami tagħha ma jkun marbut ma' ebda evalwazzjoni f'dan tal-aħħar (sentenza tat-18 ta' Lulju 2013, UEFA vs Il-Kummissjoni, C-201/11 P, EU:C:2013:519, punt 65 u l-ġurisprudenza ċċitata).

143 Madankollu, meta l-Qorti Ġenerali sempliċement tirrispondi għall-argument imressaq quddiemha u b'hekk tispjega l-motivazzjoni tal-att ikkontestat, ma jistax jitqies li hija qiegħda tissostitwixxi l-motivazzjoni tal-awtur ta' dan l-att b'tagħha stess (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-12 ta' Ġunju 2014, Deltafina vs Il-Kummissjoni, C-578/11 P, EU:C:2014:1742, punt 56, u tat-23 ta' Novembru 2023, Ryanair vs Il-Kummissjoni, C-209/21 P, EU:C:2023:905, punt 49).

144 F'dan il-każ, kif jirriżulta mill-punti 112 u 128 tas-sentenza appellata, l-ewwel sentenza tal-premessa 1045 tad-Deċiżjoni kontenzjuża kien fiha, anki jekk fuq fuq, il-provi li ppermettew lill-Qorti Ġenerali tivverifika li l-Kummissjoni kienet stabbilixxiet il-kompetenza ekstraterritorjali tagħha fid-dawl tal-kriterju tal-effetti kkwalifikati. Fil-fatt, huma dawn il-provi li, moqrija fid-dawl tal-premessi rilevanti l-oħra ta' din id-deċiżjoni, imsemmija fil-punti 133, 140 sa 143, 145, 148, 151, 159 sa 161, 164 u 165 tas-sentenza appellata, ippermettew lill-Qorti Ġenerali tivverifika li l-Kummissjoni kienet effettivament stabbilixxiet l-eżistenza ta' tali effetti. Barra minn hekk, mill-punti 118 sa 174 tas-sentenza appellata jirriżulta li, f'dawn il-punti, il-Qorti Ġenerali sempliċement irrispondiet għall-argumenti mressqa quddiemha minn AF-KLM u spjegat il-motivazzjoni tad-Deċiżjoni kontenzjuża, billi, b'mod iktar speċifiku, ġibdet ċerti konklużjonijiet mill-provi li kienu jinsabu f'din id-deċiżjoni. Għaldaqstant, fid-dawl tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt preċedenti ta' din is-sentenza, l-allegata sostituzzjoni tal-motivi fir-rigward ta' dawn il-punti 118 sa 174 ma ġietx stabbilita.

145 Barra minn hekk, f'dawn iċ-ċirkustanzi, lanqas ma jista' jitqies li l-Qorti Ġenerali, meta ddeċidiet b'dan il-mod, irrimedjat in-nuqqas ta' motivazzjoni tad-Deċiżjoni kontenzjuża fir-rigward tal-kompetenza tal-Kummissjoni sabiex tapplika l-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE għas-servizzi ta' trasport tal-merkanzija inbound, u dan bi ksur tal-ġurisprudenza li tgħid li nuqqas ta' motivazzjoni ma jistax jiġi rrimedjat mill-fatt li l-persuna kkonċernata ssir taf bil-motivi tad-deċiżjoni matul il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (sentenza tat-28 ta' Ġunju 2005, Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni, C-189/02 P, C-202/02 P, C-205/02 P sa C-208/02 P u C-213/02 P, EU:C:2005:408, punt 463, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata). Fil-fatt, kif jirriżulta mill-punt preċedenti ta' din is-sentenza, dan in-nuqqas ta' motivazzjoni tad-Deċiżjoni kontenzjuża – li, barra minn hekk, lanqas ma kien ġie allegat quddiem il-Qorti Ġenerali – ma ġiex stabbilit.

146 Barra minn hekk, sa fejn, b'dan l-argument, AF-KLM tirreferi għall-motivi li jinsabu fil-punti 175 sa 186 tas-sentenza appellata, għandu jiġi kkonstatat li dawn jinsabu fil-parti tas-sentenza appellata ddedikata għall-analiżi tat-tielet motiv li l-Kummissjoni kienet adottat fid-Deċiżjoni kontenzjuża sabiex tistabbilixxi l-kompetenza tagħha li tieħu konjizzjoni tal-aġir kontenzjuż, kif identifikat fil-punt 113 tas-sentenza appellata, jiġifieri l-motiv dwar l-effetti tal-ksur uniku u kontinwu kkunsidrat fl-intier tiegħu. Issa, din il-parti tas-sentenza appellata tissemma

speċifikament fl-argument ta' AF-KLM espost fil-punt 106 ta' din is-sentenza. L-allegazzjoni ta' sostituzzjoni tal-motivi, inkwantu tikkonċerna dawn il-punti 175 sa 186, ser tiġi, għalhekk, eżaminata flimkien ma' dan tal-aħħar, fil-punti 148 u 149 ta' din is-sentenza.

147 Konsegwentement, bla ħsara ta' dan, l-argument imfisser fil-punt 107 ta' din is-sentenza għandu jiġi miċħud bħala infondat.

148 Fis-sitt u fl-aħħar lok, sa fejn għandu x'jaqsam l-argument imfisser fil-punt 106 ta' din is-sentenza, kif ukoll dak imfisser fil-punt 107 ta' din tal-aħħar sa fejn tikkonċerna l-punti 175 sa 186 tas-sentenza appellata, għandu jiġi osservat li AF-KLM, permezz tar-raba' motiv tagħha ta' annullament quddiem il-Qorti Ġenerali, sempliċement ikkontestat il-kompetenza tal-Kummissjoni sabiex tapplika l-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE għall-aġir kontenzjuż inkwantu dan kien jirrigwarda s-servizzi ta' trasport tal-merkanzija inbound.

149 F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet, fil-punt 174 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni kellha raġun tqis li l-kriterju tal-effetti kkwalifikati kien issodisfatt sa fejn kellha x'taqsam il-koordinazzjoni relatata mas-servizzi ta' trasport tal-merkanzija inbound ikkunsidrata waħedha, b'tali mod li l-kompetenza tal-Kummissjoni sabiex tapplika l-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE għall-aġir kontenzjuż, sa fejn din kienet ikkontestata, kienet stabbilita. Minn dan isegwi li kien superfluwu għall-Qorti Ġenerali li teżamina, fil-punti 175 sa 186 tas-sentenza appellata, jekk il-Kummissjoni, sabiex tistabbilixxi l-kompetenza tagħha li tapplika l-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE għall-aġir kontenzjuż, kellhiex ukoll raġun tqis, fil-premessa 1046 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, li l-kriterju tal-effetti kkwalifikati kien issodisfatt fid-dawl tal-effetti tal-ksur uniku u kontinwu kkunsidrat fl-intier tiegħu.

150 Barra minn hekk, kif jirriżulta mill-analiżi kollha premessa dwar it-tieni parti tat-tieni aggravju, il-Qorti Ġenerali, meta kkonkludiet f'dan is-sens fil-punt 174 tas-sentenza appellata, ma għamlet ebda żball ta' liġi jew ebda sostituzzjoni tal-motivi allegati.

151 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkonstatat li dan l-argument jikkonċerna motivi superfluwi tas-sentenza appellata. Issa, skont il-ġurisprudenza stabbilita, ilmenti diretti kontra motivi superfluwi ta' deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali ma jistgħux iwasslu għall-annullament ta' din id-deċiżjoni u huma, għalhekk, ineffettivi (sentenzi tal-15 ta' Ottubru 2002, Limburgse Vinyl Maatschappij *et* vs Il-Kummissjoni, C-238/99 P, C-244/99 P, C-245/99 P, C-247/99 P, C-250/99 P sa C-252/99 P u C-254/99 P, EU:C:2002:582, punt 537, kif ukoll tal-4 ta' Ottubru 2024, thyssenkrupp vs Il-Kummissjoni, C-581/22 P, EU:C:2024:821, punt 263 u l-ġurisprudenza ċċitata).

152 Konsegwentement, l-imsemmi argument għandu jiġi miċħud bħala ineffettiv.

153 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li t-tieni parti tat-tieni aggravju għandha tiġi miċħuda bħala parzjalment infondata u bħala parzjalment ineffettiva, u, konsegwentement, għandu jiġi miċħud it-tieni aggravju kollu kemm hu.

Fuq it-tielet aggravju, dwar it-teħid inkunsiderazzjoni tas-sistemi regolamentari

L-argumenti tal-partijiet

154 AF-KLM issostni li l-Qorti Ġenerali, hija u teżamina s-sistemi regolamentari, kisret il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, kif ukoll l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha.

155 Fil-punt 576 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali għamlet tagħha l-analiżi li għamlet il-Kummissjoni fid-Deċiżjoni kontenzjuża, li s-sistemi regolamentari fis-seħħ f'diversi pajjiżi terzi, fosthom ir-Renju tat-Tajlandja, ma kinux jirrestrinġu lit-trasportaturi, iżda kienu sempliċement iħeġġuhom jiftiehmu dwar l-implimentazzjoni tas-sovrataxxa tal-fjuwil, u b'hekk ċaħdet l-argument tagħha li dawn is-sistemi kienu jobbligaw it-trasportaturi jikkonkludu akkordji f'dan ir-rigward. Madankollu, il-Qorti Ġenerali waslet għal konklużjoni opposta fir-rigward tal-istess sistema regolamentari Tajlandiża fis-sentenza tat-30 ta' Marzu 2022, SAS Cargo Group *et* vs Il-Kummissjoni (T-324/17, EU:T:2022:175), billi fil-punt 562 ta' din is-sentenza ddeċidiet li l-awtoritajiet Tajlandiżi kienu ħolqu, b'effett mill-20 ta' Lulju 2005, qafas legali li kien jelimina kull possibbiltà ta' aġir kompetittiv bejn it-trasportaturi sa fejn kellha x'taqsam id-determinazzjoni tal-ammont tas-sovrataxxa tal-fjuwil li tapplika għat-titjiriet li jitilqu minn dan il-pajjiż terz. Konsegwentement, fil-punt 944 tal-imsemmija sentenza, hija naqqset il-perċentwali applikata għall-gravità, fir-rigward tar-rikorrenti f'dik il-kawża, minn 16 % għal 15.7 %, u b'hekk naqqset il-multa li kienet ġiet imposta fuqhom. Issa, meta teżerċita l-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha, il-Qorti Ġenerali hija obbligata tosserva l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament.

156 F'dan il-każ, huwa stabbilit li AF-KLM kienet invokat in-natura obbligatorja tas-sistema regolamentari applikabbli fit-Tajlandja fir-rikors tagħha quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex tikseb tnaqqis fil-multa tagħha. Barra minn hekk, fil-punt 568 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali aċċettat li l-klawżoli tal-ftehim dwar is-servizzi tal-ajru konklużi bejn ir-Repubblika Franċiża u r-Renju tat-Tajlandja kienu jipprevedu, essenzjalment, li t-tariffi kellhom jiġu diskussi mit-trasportaturi maħtura u li, fil-każ ta' ftehim, kellu jkun hemm approvazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti taż-żewġ partijiet għal dan il-ftehim. Issa, mill-punt 562 tas-sentenza tat-30 ta' Marzu 2022, SAS Cargo Group *et* vs Il-Kummissjoni (T-324/17, EU:T:2022:175), jirriżulta li l-eliminazzjoni tal-possibbiltà ta' kompetizzjoni kienet tikkonċerna t-trasportaturi kollha li jużaw ir-rotot li jitilqu mit-Tajlandja, fosthom Air France. Għalhekk, il-Qorti Ġenerali ma setgħetx legalment tirriżerva l-benefiċċju ta' tnaqqis f'multa għal SAS Cargo Group *et* u kellha tiġbed l-istess konklużjonijiet fir-rigward ta' dawn it-trasportaturi kollha.

157 Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali, billi ma spjegatx ir-raġunijiet għaliex kienu biss SAS Cargo Group *et* li setgħu jibbenefikaw minn tnaqqis taħt is-sistema regolamentari Tajlandiża, sakemm kienet tapplika għat-trasportaturi kollha, kisret l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha. Jekk hija qieset li ma kinitx informata biżżejjed sabiex tkun tista' tiddeċiedi dwar in-natura vinkolanti ta' din is-sistema regolamentari fil-konfront tat-trasportaturi l-oħra kollha, hija kellha tadotta, skont l-Artikoli 88 u 89 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura u tistaqsi lill-kumpanniji tal-ajru l-oħra dwar l-imsemmija sistema regolamentari, kif ukoll dwar l-ittra tal-20 ta' Lulju 2005 imsemmija fis-sentenza tat-30 ta' Marzu 2022, SAS Cargo Group *et* vs Il-Kummissjoni (T-324/17, EU:T:2022:175). Billi naqset milli tadotta tali miżuri, il-Qorti Ġenerali kisret ukoll id-drittijiet tad-difiża ta' AF-KLM.

158 Il-Kummissjoni tirrispondi li dan l-aggravju ma huwiex fondat.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

159 Preliminarjament, għandu jiġi kkonstatat li għalkemm, permezz tat-titolu tat-tielet aggravju tagħha, AF-KLM qiegħda tissuġġerixxi li dan l-aggravju jirrigwarda t-teħid inkunsiderazzjoni, mill-Qorti Ġenerali, tas-sistemi regolamentari tal-pajjiżi terzi kollha li għalihom jirreferi l-punt 576 tas-sentenza appellata, jiġifieri dawk imsemmija fil-premessi 972 sa 1019 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, l-argumenti li hija tressaq insostenn tal-imsemmi aggravju jirrigwardaw biss is-sistema regolamentari Tajlandiża. Għaldaqstant, permezz ta' dan l-aggravju, il-konklużjoni tal-Qorti Ġenerali li tinsab f'dan il-punt 576 hija kkontestata biss sa fejn din tirrigwarda din is-sistema regolamentari.

160 Issa li dan ġie ppreċiżat, għandu jiġi rrilevat li, fl-imsemmi punt 576, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li, għall-kuntrarju ta' dak li sostniet AF-KLM, l-elementi misluta mid-dispożizzjonijiet regolamentari tal-pajjiżi terzi li hija invokat ma kinux jikkontradixxu l-konstatazzjonijiet li saru fid-Deċiżjoni kontenzjuża, fis-sens li l-qafas regolamentari ma għamilx l-akkordji tariffarji obbligatorji, iżda sempliċement ħeġġeġ l-imsemmija akkordji, b'tali mod li dan il-qafas regolamentari ma kienx iwassal għan-nuqqas ta' applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE, iżda kien jiġġustifika tnaqqis fil-multa ta' mhux iktar minn 15 % u dan skont il-paragrafu 29 tal-Linji Gwida tal-2006.

161 Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li l-istess punt 576 huwa l-punt konklużiv tal-analiżi li għamlet il-Qorti Ġenerali fil-punti 568 sa 575 tas-sentenza appellata, li fihom hija spjegat, "fit-tieni lok u fi kwalunkwe każ", li l-argument ta' AF-KLM kien ibbażat fuq analiżi żbaljata tal-ftehimiet dwar is-servizzi tal-ajru inkwistjoni.

162 Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali kienet preliminarjament irrilevat, "fl-ewwel lok", fil-punt 566 tas-sentenza appellata, li l-ftehimiet dwar is-servizzi tal-ajru kienu jew ħeġġew l-aġir kontenzjuż fir-rotot ŻEE-pajjiżi terzi, f'liema każ seta' jiġi ġġustifikat tnaqqis fl-ammont tal-multa skont il-paragrafu 29 tal-Linji Gwida tal-2006, jew inkella kienu talbu li jiġi adottat l-imsemmi aġir, f'liema każ ma setgħu jiġu kkonstatati ebda ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni u ebda sanzjoni imposta għall-imsemmi aġir.

163 Fid-dawl ta' dawn l-elementi, li AF-KLM ma tikkontestax f'dan l-appell, il-Qorti Ġenerali kkonstatat, fil-punt 567 ta' din is-sentenza, li, peress li AF-KLM sempliċement sostniet li diversi sistemi regolamentari kienu jitolbu koordinazzjoni, l-argument tagħha intiż li tintwera l-insuffiċjenza tat-tnaqqis ġenerali mogħti minħabba ċirkustanzi attenwanti kellu jiġi miċħud bħala ineffettiv peress li, kemm-il darba kellu jitqies fondat, ma hijiex l-applikazzjoni tal-paragrafu 29 tal-Linji Gwida tal-2006 – li tissemma fit-tieni parti tat-tmien motiv imqajjem quddiem il-Qorti Ġenerali, li tikkonċerna l-insuffiċjenza tat-tnaqqis ġenerali mogħti minħabba ċirkustanzi attenwanti, eżaminata f'dawn il-punti tas-sentenza appellata – li tkun ivvizzjata bi żball, iżda l-konstatazzjoni ta' ksur, li ma kinitx issemmiet.

164 Minn dan jirriżulta li, sa fejn AF-KLM tikkritika l-punt 576 tas-sentenza appellata, kif ukoll, essenzjalment, il-punti 568 sa 575 ta' din is-sentenza, li huma l-bażi tagħha, għandu jiġi kkonstatat li l-kunsiderazzjonijiet imfissra f'dawn il-punti huma superfluwi, peress li l-Qorti Ġenerali diġà spjegat b'mod suffiċjenti, fil-punt 567 tas-sentenza appellata, ir-raġunijiet għaliex din it-tieni parti ma setgħetx tintlaqa', mingħajr ma dan ġie kkontestat f'dan l-appell. Issa, skont il-ġurisprudenza diġà mfakkra fil-punt 151 ta' din is-sentenza, ilmenti li jsiru kontra motivi superfluwi ta' deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali ma jistgħux iwasslu għall-annullament ta' din id-deċiżjoni u huma għalhekk ineffettivi.

165 Barra minn hekk, sa fejn, permezz ta' dan l-aggravju, AF-KLM qiegħda tallega li l-Qorti Ġenerali kisret il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament billi ma ġibditx, fir-rigward tagħha, l-istess konklużjonijiet mill-eżistenza tas-sistema regolamentari Tajlandiża bħal dawk li hija ġibdet fis-sentenza tat-30 ta' Marzu 2022, SAS Cargo Group *et* vs Il-Kummissjoni (T-324/17, EU:T:2022:175), għandu jiġi rrilevat li minn din is-sentenza jirriżulta li, fil-kawża li wasslet għaliha, ir-rikorrenti kienu kkontestaw, permezz tat-tieni lment tas-sitt parti tat-tielet motiv tagħhom quddiem il-Qorti Ġenerali, l-evalwazzjoni li għamlet il-Kummissjoni tal-koerċizzjoni statali li dawn ir-rikorrenti allegaw li kienu suġġetti għaliha f'diversi pajjiżi terzi, fosthom ir-Renju tat-Tajlandja, billi sostnew li l-Kummissjoni kienet għalhekk applikat b'mod żbaljat l-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE għal aġir li, peress li ma kienx aġir awtonomu min-naħa tiegħu, kellu jaqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet. Fi tmiem l-eżami ta' dan l-ilment, li kien sostnut minn argumenti effettivi, il-Qorti Ġenerali annullat parzjalment id-Deċiżjoni kontenzjuża.

166 B'hekk, it-tnaqqis fil-multa imposta fuq ir-rikorrenti fil-kawża li wasslet għas-sentenza tat-30 ta' Marzu 2022, SAS Cargo Group *et* vs Il-Kummissjoni (T-324/17, EU:T:2022:175), b'rabta mas-sistemi regolamentari, kien jirriżulta mill-annullament parzjali tal-konstatazzjoni ta' ksur fir-rigward tagħhom, jiġifieri sa fejn din kienet tikkonċerna d-determinazzjoni tas-sovrataxxa tal-fjuwil għat-titjiriet li jitilqu mit-Tajlandja bejn l-20 ta' Lulju 2005 u l-14 ta' Frar 2006.

167 Madankollu, l-ilment li qajmu SAS Cargo Group *et* li wassal sabiex il-Qorti Ġenerali tannulla parzjalment il-konstatazzjoni ta' ksur fir-rigward tagħhom ma kellu ebda ekwivalenti fir-rikors ta' AF-KLM quddiem il-Qorti Ġenerali. Fil-fatt, permezz tat-tieni parti tad-disa' motiv ta' annullament tagħha quddiem il-Qorti Ġenerali, li din tal-aħħar spjegat is-sustanza tiegħu fil-punti 560 u 561 tas-sentenza appellata, li ma humiex ikkontestati f'dan l-appell, AF-KLM ma sostnietx li kellha tiġi annullata l-konstatazzjoni ta' ksur fir-rigward tagħha sa fejn kellhom x'jaqsmu r-rotot li jitilqu mit-Tajlandja. Issa, kif il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet iktar minn darba, motiv li jikkonċerna l-legalità fil-mertu ta' deċiżjoni, li jkun ibbażat fuq ksur tat-Trattati jew ta' kull dispożizzjoni legali relatata mal-applikazzjoni tagħhom, fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE, jista' jiġi eżaminat mill-qorti tal-Unjoni biss jekk jiġi invokat mir-rikorrent (sentenzi tal-10 ta' Diċembru 2013, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda *et*, C-272/12 P, EU:C:2013:812, punt 28 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tal-4 ta' Ottubru 2024, thyssenkrupp vs Il-Kummissjoni, C-581/22 P, EU:C:2024:821, punt 107). Għaldaqstant, huwa għalxejn li AF-KLM tallega li l-Qorti Ġenerali, billi ma applikatx għal din il-kawża l-konsegwenzi, fir-rigward tad-determinazzjoni tal-ammont tal-multa, tal-annullament tal-konstatazzjoni ta' ksur sa fejn għandhom x'jaqsmu r-rotot li jitilqu mit-Tajlandja li sar fis-sentenza tat-30 ta' Marzu 2022, SAS Cargo Group *et* vs Il-Kummissjoni (T-324/17, EU:T:2022:175), għamlet żball ta' liġi.

168 Barra minn hekk, huwa minnu li l-eżerċizzju ta' ġurisdizzjoni sħiħa ma jistax, meta jiġi ddeterminat l-ammont tal-multi li jiġu imposti fuqhom, jagħżel bejn l-impriżi li jkunu pparteċipaw fi ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni (sentenzi tas-16 ta' Novembru 2000, Sarrió vs Il-Kummissjoni, C-291/98 P, EU:C:2000:631, punt 97, u tat-18 ta' Marzu 2021, Pometon vs Il-Kummissjoni, C-440/19 P, EU:C:2021:214, punt 138).

169 Madankollu, għall-kuntrarju ta' din il-kawża u kif diġà ġie rrilevat fil-punt 165 ta' din is-sentenza, ir-rikorrenti fil-kawża li wasslet għas-sentenza tat-30 ta' Marzu 2022, SAS Cargo Group *et* vs Il-Kummissjoni (T-324/17, EU:T:2022:175), kienu kisbu l-annullament parzjali tal-konstatazzjoni ta' ksur fir-rigward tagħhom, wara li rnexxielhom jistabbilixxu l-fondatezza tat-tieni lment tas-sitt parti tat-tielet motiv tagħhom quddiem il-Qorti Ġenerali sa fejn dan kien jikkonċerna s-sistema regolamentari Tajlandiża.

170 B'hekk, AF-KLM u dawn ir-rikorrenti kienu jinsabu f'sitwazzjonijiet differenti fid-dawl tal-fatturi li eżaminat il-Qorti Ġenerali meta eżerċitat il-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha. Huwa għalhekk mingħajr ma kisret il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament li, fil-punt 608 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet it-talba ta' AF-KLM dwar l-insuffiċjenza tat-tnaqqis ġenerali mogħti minħabba ċirkustanzi attenwanti.

171 Minn dak premess jirriżulta li huma wkoll infondati l-allegazzjonijiet li l-Qorti Ġenerali kisret, minn naħa, l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha u, min-naħa l-oħra, id-drittijiet tad-difiża, kif imfissra fil-punt 157 ta' din is-sentenza, peress li dawn huma bbażati fuq il-premessa żbaljata li l-Qorti Ġenerali kellha testendi għall-benefiċċju ta' AF-KLM il-konklużjonijiet li l-imsemmija qorti kienet ġibdet mill-annullament parzjali tad-Deċiżjoni kontenzjuża f'kawża oħra, u dan billi l-ilment li wassal għal dan l-annullament parzjali ma kellu ebda ekwivalenti fir-rikors ta' AF-KLM quddiem il-Qorti Ġenerali.

172 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, it-tielet aggravju għandu jiġi miċħud bħala parzjalment ineffettiv u parzjalment infondat.

Fuq ir-raba' aggravju, dwar it-tul tal-parteċipazzjoni ta' Air France fil-ksur uniku u kontinwu

173 Ir-raba' aggravju fih żewġ partijiet. Permezz tal-ewwel parti, AF-KLM issostni li l-Qorti Ġenerali għamlet żbalji ta' liġi fl-evalwazzjoni tagħha tal-parteċipazzjoni ta' Air France fil-ksur bejn l-4 ta' Frar 2000 u s-17 ta' Jannar 2001. Permezz tat-tieni parti, hija ssostni li l-Qorti Ġenerali għamlet żbalji ta' liġi fl-evalwazzjoni tagħha tal-parteċipazzjoni ta' Air France fil-ksur bejn id-19 ta' Ottubru 2005 u l-14 ta' Frar 2006.

Fuq l-ewwel parti, dwar il-perijodu bejn l-4 ta' Frar 2000 u s-17 ta' Jannar 2001

– *L-argumenti tal-partijiet*

174 AF-KLM issostni li l-Qorti Ġenerali illegalment qalbet l-oneru tal-prova u kisret il-prinċipju tal-preżunzjoni tal-innoċenza meta kkonstatat il-parteċipazzjoni ta' Air France fil-ksur bejn l-4 ta' Frar 2000 u s-17 ta' Jannar 2001.

175 Fil-punt 534 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-Kummissjoni ma kienet allegat ebda kuntatt kontra Air France tul dan il-perijodu u, fil-punt 535 ta' din is-sentenza, l-imsemmija qorti qieset li dan kien perijodu twil biżżejjed sabiex ikun neċessarju li jiġi vverifikat jekk il-parteċipazzjoni ta' Air France fil-ksur kinitx ġiet interrotta matul dan tal-aħħar. B'hekk, il-Qorti Ġenerali aċċettat li kien jeżisti indizju oġġettiv tan-nuqqas ta' parteċipazzjoni ta' Air France fil-laqgħat li saru matul dan il-perijodu, li juri n-nuqqas ta' parteċipazzjoni ta' Air France u, għalhekk, ta' AF-KLM, fl-akkordju bejn l-4 ta' Frar 2000 u s-17 ta' Jannar 2001. Fil-fatt, filwaqt li kumpanniji oħra kienu ftiehmu matul is-sajf tas-sena 2000 sabiex iżidu s-sovrataxxa tal-fjuwil, Air France, li kienet, madankollu, introduċiet tali sovrataxxa fil-bidu tas-sena 2000, ma ppartеċipatx f'dawn il-kuntatti. Dan ma huwiex ikkontestat mill-Qorti Ġenerali u AF-KLM tirreferi, f'dan ir-rigward, għall-punti 540 u 541 tas-sentenza appellata.

176 Madankollu, il-Qorti Ġenerali żammet lil AF-KLM responsabbli tul dan il-perijodu, mingħajr ma pproduċiet ebda indizju li juri li Air France baqgħet tipparteċipa fil-ksur matul dan tal-aħħar. B'dan il-mod, hija ma ġibditx b'mod korrett il-konklużjonijiet legali mill-konstatazzjonijiet fattwali tagħha u qalbet illegalment l-oneru tal-prova. Fil-fatt, peress li matul is-sajf tas-sena 2000 kienu saru diversi kuntatti mingħajr il-preżenza ta' Air France, il-Kummissjoni kellha tipproduċi indizji oġġettivi u konkordanti li juru li l-parteċipazzjoni ta' Air France ma kinitx ġiet sospiża matul il-perijodu li fih hija ma kinitx preżenti għal-laqgħat antikompetittivi. Madankollu, fil-punt 543 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali qieset li kienet AF-KLM li kellha turi n-nuqqas ta' involviment tagħha u kkritikatha talli Air France ma ddistakkatx ruħha pubblikament mill-akkordju u talli ma pproduċietx provi oħra li juru n-nuqqas ta' parteċipazzjoni tagħha fil-ksur, minkejja li l-prova tal-involviment ta' Air France matul l-istess perijodu ma kinitx ġiet prodotta.

177 Billi żammet lil AF-KLM responsabbli għall-ksur bejn l-4 ta' Frar 2000 u s-17 ta' Jannar 2001 mingħajr prova tal-parteċipazzjoni tagħha u minkejja li kien hemm indizju oġġettiv li Air France reġgħet adottat aġir kompetittiv, il-Qorti Ġenerali kisret ukoll il-preżunzjoni ta' innoċenza.

178 Il-Kummissjoni ssostni li, permezz ta' din il-parti, AF-KLM qiegħda tfittex li tikseb evalwazzjoni ġdida tal-fatti u li għalhekk għandha tiġi miċħuda.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

179 Skont ġurisprudenza stabbilita, l-eżistenza ta' prattika jew ta' ftehim antikompetittiv għandha, fil-parti l-kbira tal-każijiet, tiġi dedotta minn ċertu numru ta' koinċidenzi u ta' indizji li, ikkunsidrati flimkien, jistgħu jikkostitwixxu, fin-nuqqas ta' spjegazzjoni raġonevoli oħra, il-prova ta' ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni (sentenzi tas-7 ta' Jannar 2004, Aalborg Portland *et* vs Il-Kummissjoni, C-204/00 P, C-205/00 P, C-211/00 P, C-213/00 P, C-217/00 P u C-219/00 P, EU:C:2004:6, punt 57, kif ukoll tat-18 ta' Marzu 2021, Pometon vs Il-Kummissjoni, C-440/19 P, EU:C:2021:214, punt 110 u l-ġurisprudenza ċċitata).

180 Tali indizji u koinċidenzi, meta jiġu evalwati globalment, jistgħu juru mhux biss l-eżistenza ta' aġir jew ftehim antikompetittiv, iżda wkoll it-tul ta' aġir antikompetittiv kontinwu u l-perijodu ta' applikazzjoni ta' ftehim konkluż bi ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni (sentenzi tal-21 ta' Settembru 2006, Nederlandse Federatieve Vereniging voor de Groothandel op Elektrotechnisch Gebied vs Il-Kummissjoni, C-105/04 P, EU:C:2006:592, punt 95, u tat-18 ta' Marzu 2021, Pometon vs Il-Kummissjoni, C-440/19 P, EU:C:2021:214, punt 111, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

181 Sa fejn għandu x'jaqsam in-nuqqas ta' prova tal-eżistenza ta' ftehim matul ċerti perijodi speċifiċi jew, tal-inqas, tal-implimentazzjoni tiegħu minn impriża matul perijodu partikolari, il-fatt li tali prova ma tkunx ġiet prodotta għal ċerti perijodi speċifiċi ma jżommx milli dan il-ksur jitqies li jkopri perijodu globali iktar estiż minn dawn tal-aħħar, kemm-il darba tali konstatazzjoni tkun ibbażata fuq indizji oġġettivi u konkordanti. Fil-kuntest ta' ksur li jestendi fuq diversi snin, il-fatt li l-akkordju jimmanifesta ruħu f'perijodi differenti, li jistgħu jiġu sseparati b'intervalli ftit jew wisq twal, ma jaffettwax l-eżistenza ta' dan l-akkordju, kemm-il darba l-varji azzjonijiet li jagħmlu parti minn dan il-ksur ikunu jfittxu li jilħqu għan wieħed u jkunu jaqgħu fil-kuntest ta' ksur uniku u kontinwu (sentenzi tal-21 ta' Settembru 2006, Technische Unie vs Il-Kummissjoni, C-113/04 P, EU:C:2006:593, punt 169, u tat-18 ta' Marzu 2021, Pometon vs Il-Kummissjoni, C-440/19 P, EU:C:2021:214, punt 112, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

182 Sa fejn għandu x'jaqsam, b'mod partikolari, ksur li jestendi fuq diversi snin, il-fatt li ma tkunx ġiet prodotta l-prova diretta tal-parteċipazzjoni ta' kumpannija f'dan il-ksur matul perijodu speċifiku ma jżommx milli tiġi kkonstatata din il-parteċipazzjoni, ukoll matul dan il-perijodu, kemm-il darba din il-konstatazzjoni tkun ibbażata fuq indizji oġġettivi u konkordanti (sentenza tas-17 ta' Settembru 2015, Total Marketing Services vs Il-Kummissjoni, C-634/13 P, EU:C:2015:614, punt 27 u l-ġurisprudenza ċċitata).

183 B'hekk, il-Kummissjoni tista' tqis li l-ksur, jew il-parteċipazzjoni ta' impriża fil-ksur, ma jkunx ġie interrott, anki jekk hija ma jkollhiex provi tal-ksur għal ċerti perijodi speċifiċi, meta d-diversi azzjonijiet li jagħmlu parti minn dan il-ksur ikunu jfittxu li jilħqu għan wieħed u jkunu jistgħu jaqgħu fil-kuntest ta' ksur uniku u kontinwu u meta l-impriża kkonċernata ma tkunx invokat indizji jew provi li jistabbilixxu li, għall-kuntrarju, il-ksur, jew il-parteċipazzjoni tagħha fih, ma kompliex matul dawn il-perijodi (sentenza tat-18 ta' Marzu 2021, Pometon vs Il-Kummissjoni (C-440/19 P, EU:C:2021:214, punt 114).

184 F'dan il-kuntest, in-nuqqas ta' distakk pubbliku huwa sitwazzjoni fattwali li l-Kummissjoni tista' tinvoka sabiex tipprova li ssokta l-aġir antikompetittiv ta' kumpannija. Madankollu, fil-każ fejn, matul perijodu twil ta' żmien, ikunu saru diversi laqgħat kollużivi mingħajr il-parteċipazzjoni tar-rappreżentanti tal-kumpannija kkonċernata, il-Kummissjoni ma għandhiex sempliċement tikkonstatata n-nuqqas ta' din tal-aħħar li tiddistakka ruħha, iżda għandha wkoll tibbaża l-evalwazzjoni tagħha fuq provi oħra (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-17 ta' Settembru 2015, Total Marketing Services vs Il-Kummissjoni, C-634/13 P, EU:C:2015:614, punt 28, u tat-28 ta' Novembru 2019, LS Cable & System vs Il-Kummissjoni, C-596/18 P, EU:C:2019:1025, punt 33).

185 F'dan il-każ, huwa minnu li, kif issostni AF-KLM, il-Qorti Ġenerali, fil-punt 534 tas-sentenza appellata, ikkonstatat li, għall-perijodu mill-4 ta' Frar 2000 sas-17 ta' Jannar 2001, il-Kummissjoni ma kienet allegat ebda kuntatt kontra Air France u, fil-punt 535 ta' din is-sentenza, qieset li, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, tali tul kien twil biżżejjed sabiex ikun neċessarju li jiġi vverifikat jekk il-parteċipazzjoni ta' Air France fil-ksur uniku u kontinwu kinitx ġiet interrotta matul dan tal-aħħar. Huwa minnu wkoll li, skont il-ġurisprudenza mfakkra fil-punt preċedenti ta' din is-sentenza, fiċ-ċirkustanzi li taħthom, bħal dawk f'dan il-każ, ikunu saru, matul perijodu twil ta' żmien, diversi laqgħat kollużivi mingħajr il-parteċipazzjoni tar-rappreżentanti tal-impriża kkonċernata, in-nuqqas li din tal-aħħar tiddistakka ruħha pubblikament ma huwiex biżżejjed sabiex tiġi stabbilita l-parteċipazzjoni ta' din l-impriża fil-ksur matul dan il-perijodu.

186 Madankollu, fl-ewwel lok, mill-ġurisprudenza mfissra fil-punti 181 sa 184 ta' din is-sentenza, li l-Qorti Ġenerali essenzjalment fakkret ukoll fil-punti 537 u 538 tas-sentenza appellata, jirriżulta li, sa fejn għandu x'jaqsam, b'mod partikolari, ksur li jestendi fuq diversi snin, il-fatt li, matul perijodu twil ta' żmien, ikunu saru diversi laqgħat kollużivi mingħajr il-parteċipazzjoni tar-rappreżentanti tal-kumpannija kkonċernata ma huwiex biżżejjed sabiex tiġi stabbilita n-nuqqas ta' parteċipazzjoni ta' din tal-aħħar fl-akkordju kkonċernat matul dan il-perijodu. Għaldaqstant, AF-KLM tiżbalja meta tgħid li n-nuqqas ta' parteċipazzjoni tagħha fil-laqgħat kollużivi li saru matul il-perijodu bejn l-4 ta' Frar 2000 u s-17 ta' Jannar 2001 jikkostitwixxi fih innifsu indizju oġġettiv li juri n-nuqqas ta' parteċipazzjoni tagħha fl-akkordju matul dan il-perijodu.

187 Fit-tieni lok, skont l-istess ġurisprudenza, tali nuqqas ta' parteċipazzjoni fil-laqgħat kollużivi matul perijodu twil ta' żmien jikkostitwixxi, mill-banda l-oħra, ċirkustanza li tobbliga lill-Kummissjoni tipproduċi provi oġġettivi u konkordanti oħra li jistabbilixxu li, minkejja l-imsemmi nuqqas ta' parteċipazzjoni f'dawn il-laqgħat, l-impriża kkonċernata kompliet tipparteċipa fil-ksur. Barra

minn hekk, f'tali sitwazzjoni, in-nuqqas tal-impriża kkonċernata li tiddistakka ruħha pubblikament ma huwiex biżżejjed sabiex tiġi ssostanzjata l-konstatazzjoni ta' parteċipazzjoni mhux interrotta tagħha matul dan il-perijodu. Dan huwa preċiżament dak li fakkret il-Qorti Ġenerali fil-punt 538 tas-sentenza appellata, li, fil-punt 539 ta' din is-sentenza, indikat, barra minn hekk, il-provi oġġettivi u konkordanti li jistgħu jkunu rilevanti f'dan ir-rigward.

188 Madankollu, ma jistax jitqies li, fil-punt 543 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali illegalment qalbet l-oneru tal-prova, bi ksur tal-imsemmija ġurisprudenza, billi sempliċement ikkritikat lil AF-KLM talli Air France ma tbegħditx pubblikament mill-akkordju u talli ma pproduċietx prova tan-nuqqas ta' parteċipazzjoni ta' Air France fl-akkordju matul l-imsemmi perijodu, minflok ma vverifikat jekk il-Kummissjoni kinitx ipproduċiet provi oġġettivi u konkordanti li jistabbilixxu b'mod suffiċjenti l-parteċipazzjoni kontinwa ta' Air France fil-ksur uniku u kontinwu matul l-istess perijodu, minkejja n-nuqqas ta' parteċipazzjoni tagħha fil-laqgħat kollużivi.

189 F'dan il-punt 543, huwa minnu li l-Qorti Ġenerali rrilevat li AF-KLM la stabbilixxiet u lanqas allegat li Air France kienet iddistakkat ruħha pubblikament mill-ksur uniku u kontinwu bejn l-4 ta' Frar 2000 u s-17 ta' Jannar 2001 u, barra minn hekk, hija la sostniet li, matul dan il-perijodu, hija kienet reġgħet adottat aġir ta' kompetizzjoni leali u indipendenti fis-suq inkwistjoni u lanqas ikkontestat li l-effetti tal-koordinazzjoni dwar is-sovrataxxa tal-fjuwil kienu ssoktaw matul l-imsemmi perijodu.

190 Madankollu, kif jindikaw il-kliem "f'dawn iċ-ċirkustanzi" li jippreċedu l-konklużjoni tal-Qorti Ġenerali, li tinsab f'dan il-punt 543, li l-Kummissjoni setgħet, mingħajr ma tagħmel ebda żball, iżżomm lil Air France responsabbli għall-ksur uniku u kontinwu matul l-istess perijodu, dawn il-konstatazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali għandhom jinqraw flimkien mal-elementi li rrilevat din tal-aħħar fil-punti 540 sa 542, kif ukoll fl-ewwel sentenza tal-punt 543 tas-sentenza appellata. Issa, f'dawn il-punti, il-Qorti Ġenerali essenzjalment eżaminat jekk l-elementi li jinsabu fid-Deċiżjoni kontenzjuża u li għandhom x'jaqsmu, b'mod partikolari, man-natura tal-ksur inkwistjoni, mal-funzjonament tal-akkordju kkonċernat matul il-perijodu kontenzjuż u mal-inklużjoni tal-aġir ikkonċernat fi ksur uniku u kontinwu – li AF-KLM ma tikkontestax ir-rilevanza tagħhom – kinux jikkostitwixxu indizji oġġettivi u konkordanti li jippermettu li tiġi stabbilita b'mod suffiċjenti l-parteċipazzjoni kontinwa ta' Air France fl-akkordju matul il-perijodu kontenzjuż, minkejja n-nuqqas ta' parteċipazzjoni tagħha fil-laqgħat kollużivi matul dan tal-aħħar.

191 Għalhekk, billi l-Qorti Ġenerali essenzjalment qieset, fi tmiem l-eżami tagħha, li, fid-dawl tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 179 sa 183 ta' din is-sentenza, il-Kummissjoni kienet issodisfat l-oneru tal-prova impost fuqha billi pproduċiet indizji oġġettivi u konkordanti li jippermettu li tiġi stabbilita b'mod suffiċjenti l-parteċipazzjoni kontinwa ta' Air France fl-akkordju matul il-perijodu bejn l-4 ta' Frar 2000 sas-17 ta' Jannar 2001, l-imsemmija qorti kellha raġun tqis li kienet AF-KLM li kellha tikkonfuta dawn il-provi.

192 Issa, fl-appell tagħha, AF-KLM ma tallegax li, f'dawn il-punti 540 sa 542, kif ukoll fl-ewwel sentenza tal-punt 543 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kklassifikat ħażin il-provi li jissemmew fihom bħala indizji oġġettivi u konkordanti, fis-sens tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 181 sa 184 ta' din is-sentenza, jew żnaturat il-provi li tirreferi għalihom il-Qorti Ġenerali.

193 Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li l-approċċ tal-Qorti Ġenerali fil-punti 540 sa 543 tas-sentenza appellata huwa konformi mal-ġurisprudenza dwar ir-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar l-oneru tal-prova, imfakkra fil-punt 134 ta' din is-sentenza, liema ġurisprudenza tieħu inkunsiderazzjoni l-prinċipju ta' preżunzjoni ta' innoċenza.

194 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-ewwel parti tar-raba' aggravju għandha tiġi miċħuda bħala infondata.

Fuq it-tieni parti, dwar il-perijodu bejn id-19 ta' Ottubru 2005 u l-14 ta' Frar 2006

– *L-argumenti tal-partijiet*

195 AF-KLM issostni li l-Qorti Ġenerali illegalment qalbet l-oneru tal-prova u kisret il-preżunzjoni ta' innoċenza, kif ukoll il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, meta kkonstatat il-parteċipazzjoni Air France fil-ksur mid-19 ta' Ottubru 2005 sal-14 ta' Frar 2006 sa fejn għandhom x'jaqsmu s-sovrataxxa tas-sigurtà u r-rifjut li jitħallsu kummissjonijiet.

196 Qabel kollox, il-Qorti Ġenerali aċċettat, fil-punt 545 tas-sentenza appellata, li ma kienet teżisti ebda prova li turi l-involviment ta' Air France fl-iskambji dwar is-sovrataxxa tas-sigurtà mid-19 ta' Ottubru 2005 u f'dawk dwar ir-rifjut li jitħallsu kummissjonijiet mill-14 ta' Ottubru 2005. B'hekk, peress li ma huwiex ikkontestat li Air France ma pparteċipatx iktar fi skambji antikompetittivi mix-xahar ta' Ottubru 2005, il-Qorti Ġenerali kienet obbligata turi l-eżistenza ta' provi li jistgħu jistabbilixxu li Air France kienet kompliet tipparteċipa fil-ksur wara d-19 ta' Ottubru 2005. Fil-fatt, AF-KLM ma tistax tiġi meħtieġa turi n-nuqqas ta' involviment ta' Air France fil-ksur meta l-Kummissjoni ma tkunx issodisfat, minn qabel, l-oneru tal-prova tagħha. Għalhekk, il-Qorti Ġenerali illegalment qalbet l-oneru tal-prova billi indikat, fil-punt 546 tas-sentenza appellata, li AF-KLM ma kinitx ipproduċiet provi suffiċjenti. B'dan il-mod, hija kisret ukoll il-preżunzjoni ta' innoċenza.

197 Sussegwentement, f'dan il-punt 546, il-Qorti Ġenerali indikat li AF-KLM ma kienet ġibdet "ebda konklużjoni speċifika" min-nuqqas ta' parteċipazzjoni ta' Air France fil-ksur sal-14 ta' Frar 2006, u dan huwa żball. Fil-fatt, AF-KLM talbet lill-Qorti Ġenerali tnaqqas il-multa imposta mid-Deċiżjoni kontenzjuża minħabba, b'mod partikolari, li l-ksur kien, fir-realtà, intemm mhux iktar tard mid-19 ta' Ottubru 2005. F'dan ir-rigward, hija tirreferi għall-punt 185 tar-rikors tagħha quddiem il-Qorti Ġenerali.

198 Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali, billi qieset, fl-imsemmi punt 546, li AF-KLM setgħet tinżamm responsabbli għall-ksur, sa fejn għandhom x'jaqsmu s-sovrataxxa tas-sigurtà u r-rifjut li jitħallsu kummissjonijiet, u dan fid-dawl tal-parteċipazzjoni ta' Air France f'kuntatti dwar is-sovrataxxa tal-fjuwil wara d-19 ta' Ottubru 2005, reġgħet qalbet illegalment l-oneru tal-prova u kisret il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament.

199 Sa fejn għandu x'jaqsam l-oneru tal-prova, mill-punt 44 tas-sentenza tas-6 ta' Diċembru 2012, Il-Kummissjoni vs Verhuizingen Coppens (C-441/11 P, EU:C:2012:778) jirriżulta li ma huwiex possibbli li jiġu imputati lil impriża l-komponenti kollha ta' ksur uniku u kontinwu meta ma jkunx stabbilit li din l-impriża kellha l-ħsieb tgħin sabiex jintlaħqu l-għanijiet komuni kollha li l-parteċipanti l-oħra fl-akkordju jfittxu li jilħqu, li hija kienet taf bl-aġir illegali l-ieħor kollu previst u li hija kienet lesta taċċetta r-riskju. Issa, peress li l-Qorti Ġenerali ma wrietx li l-kuntatti dwar is-sovrataxxa tal-fjuwil wara d-19 ta' Ottubru 2005 kienu jistabbilixxu għarfien ta' pjan usa'

dwar is-sovrataxxa tas-sigurtà u r-rifjut li jitħallsu kummissjonijiet, ma kienx iġġustifikat li wieħed jissopponi li Air France, billi pparteċipat, wara din id-data, f'tali kuntatti, kompliet tipparteċipa fil-ksur relatat mas-sovrataxxa tas-sigurtà u mar-rifjut li jitħallsu kummissjonijiet.

200 Sa fejn għandu x'jaqsam il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, il-Qorti Ġenerali kisret dan il-prinċipju meta qieset li l-kuntatti dwar is-sovrataxxa tal-fjuwil li Air France kienet ipparteċipat fihom kienu jixhdu l-parteċipazzjoni tagħha fil-komponenti l-oħra tal-ksur. Fil-fatt, fost dawn il-kuntatti li seħħew wara d-19 ta' Ottubru 2005, il-Qorti Ġenerali semmiet skambji li jinvolvu, b'mod partikolari, lil British Airways plc, imsemmija fil-premessi 563 u 574 tad-Deċiżjoni kontenzjuża, u dan minkejja li hija qieset, fis-sentenza tat-30 ta' Marzu 2022, British Airways vs Il-Kummissjoni (T-341/17, EU:T:2022:182), li din l-impriża ma kinitx ħadet sehem fil-komponent tal-ksur relatat mar-rifjut li jitħallsu kummissjonijiet. Għalhekk, il-Qorti Ġenerali ma setgħetx, mingħajr ma tikser l-ugwaljanza fit-trattament, tinqeda b'kuntatti li jinvolvu lil British Airways sabiex turi l-parteċipazzjoni ta' Air France fil-ksur relatat mar-rifjut li jitħallsu kummissjonijiet u dan fin-nuqqas ta' prova dokumentali. Fi kwalunkwe każ, il-provi dwar is-sovrataxxa tal-fjuwil ma ppermettewx lill-Qorti Ġenerali tistabbilixxi l-parteċipazzjoni ta' Air France fl-aspetti l-oħra tal-ksur.

201 Il-Kummissjoni ssostni, prinċipalment, li t-tieni parti tar-raba' aggravju hija inammissibbli minħabba li tibdel is-suġġett tal-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali. Fil-fatt, quddiem din tal-aħħar, AF-KLM sostniet li Air France ma pparteċipatx fil-ksur lil hinn mix-xahar ta' Ottubru 2005 u, konsegwentement, permezz tat-tmien motiv ta' annullament tagħha quddiem il-Qorti Ġenerali, talbet l-annullament tat-tul ikkonstatat għall-ksur uniku u kontinwu kollu. Issa, permezz ta' din il-parti, hija tillimita t-talba tagħha għall-parti tal-ksur relatata mas-sovrataxxa tas-sigurtà u mar-rifjut li jitħallsu kummissjonijiet, u, sabiex tagħmel dan, hija tinvoka motivi legali ġodda, relatati mal-possibbiltà li l-komponenti ta' ksur uniku u kontinwu jiġu ttrattati b'mod differenti, li hija la qajmet u lanqas ma ttrattat quddiem il-Qorti Ġenerali. Il-Kummissjoni ssostni, sussidjarjament, li din it-tieni parti ma hijiex fondata.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

202 Sa fejn għandha x'taqsam l-ammissibbiltà ta' din il-parti, għandu jitfakkar li, skont it-tieni sentenza tal-Artikolu 170(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-appell ma jistax ibiddel is-suġġett tal-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali.

203 B'hekk, il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-istħarriġ ta' appell hija fil-fatt limitata għall-evalwazzjoni tas-soluzzjoni legali li tkun ingħatat għall-motivi u għall-argumenti ttrattati quddiem il-qrati tal-ewwel istanza. Għalhekk, parti ma tistax tqajjem għall-ewwel darba quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja motiv li hija ma tkunx qajmet quddiem il-Qorti Ġenerali, peress li dan ikun ifisser li din il-parti titħalla tadixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja, li l-ġurisdizzjoni tagħha fl-istadju ta' appell hija waħda limitata, b'tilwima usa' minn dik li biha tkun adixxiet lill-Qorti Ġenerali (sentenzi tal-14 ta' Ottubru 2010, Deutsche Telekom vs Il-Kummissjoni, C-280/08 P, EU:C:2010:603, punt 34, u tat-2 ta' Frar 2023, Spanja *et* vs Il-Kummissjoni, C-649/20 P, C-658/20 P u C-662/20 P, EU:C:2023:60, punt 29, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

204 Madankollu, rikorrent jista' jippreżenta appell billi jinvoka, quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, aggravji u argumenti li jirriżultaw mis-sentenza appellata nnifisha u li huma intiżi li jikkritikaw, fid-dritt, il-fondatezza tagħha (sentenzi tad-29 ta' Novembru 2007, Stadtwerke Schwäbisch Hall

et vs Il-Kummissjoni, C-176/06 P, EU:C:2007:730, punt 17, kif ukoll tat-2 ta' Frar 2023, Spanja *et* vs Il-Kummissjoni, C-649/20 P, C-658/20 P u C-662/20 P, EU:C:2023:60, punt 30 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

205 F'dan il-każ, mir-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali jirriżulta li, permezz tat-tmien motiv ta' annullament tagħha, li huwa s-suġġett tal-punti 498 sa 549 tas-sentenza appellata, AF-KLM allegat kalkolu żbaljat tat-tul tal-ksur, minħabba, sa fejn għandu x'jaqsam il-perijodu ta' wara d-19 ta' Ottubru 2005, li l-kuntatti relatati mas-sovrataxxa tal-fjuwil ma setgħux jiġu kklassifikati bħala antikompetittivi u, sa fejn għandha x'taqsam is-sovrataxxa tas-sigurtà u tar-rifjut li jitħallsu kummissjonijiet, li l-Kummissjoni ma kienet ipproduċiet ebda prova valida tal-parteċipazzjoni ta' Air France f'dawn il-komponenti tal-ksur uniku u kontinwu għall-perijodi ta' wara d-19 ta' Ottubru 2005 u l-14 ta' Ottubru 2005, rispettivament, kif, barra minn hekk, spjegat il-Qorti Ġenerali fil-punti 498 sa 500 tas-sentenza appellata. Hija talbet li, konsegwentement, jitnaqqas it-tul tal-ksur allegat kontra tagħha u titnaqqas ukoll il-multa li kienet ġiet imposta fuqha. Il-Qorti Ġenerali analizzat dawn l-argumenti fil-punti 544 sa 547 tas-sentenza appellata, liema punti essenzjalment tkoprihom din il-parti.

206 AF-KLM, la f'dan il-motiv u lanqas f'xi motiv ieħor imqajjem quddiem il-Qorti Ġenerali, ma allegat li, kemm-il darba kellu jitqies li komponent wieħed jew l-ieħor tal-ksur uniku u kontinwu ma setax jiġi kkonstatat fil-konfront tagħha, l-oħrajn, jew wieħed mill-oħrajn, lanqas ma setgħu jiġu kkonstatati fil-konfront tagħha fid-dawl tal-ġurisprudenza li tirriżulta mill-punt 44 tas-sentenza tas-6 ta' Diċembru 2012, Il-Kummissjoni vs Verhuizingen Coppens (C-441/11 P, EU:C:2012:778).

207 Madankollu, għandu jiġi rrilevat li, sa fejn għandu x'jaqsam il-perijodu ta' wara d-19 ta' Ottubru 2005, il-Qorti Ġenerali kkonstatat, fil-punti 544 u 545 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni kellha diversi provi li hija setgħet validament tuża kontra Air France, iżda li, kif sostniet AF-KLM, ebda prova li kellha l-Kummissjoni fir-rigward tas-sovrataxxa tas-sigurtà u tar-rifjut li jitħallsu kummissjonijiet ma kellha x'taqsam mal-perijodu ta' wara d-19 ta' Ottubru 2005 u l-14 ta' Ottubru 2005, rispettivament.

208 Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li, fil-punt 546 tas-sentenza appellata, hija essenzjalment ivverifikat jekk, minkejja dan in-nuqqas ta' prova diretta, il-Kummissjoni kienx għad kellha raġun tiddeduċi mill-provi l-oħra li kellha li l-parteċipazzjoni ta' Air France f'dawn il-komponenti tal-ksur uniku u kontinwu ma kinitx intemmet fix-xahar ta' Ottubru 2005 u li, fi tmiem l-analiżi tagħha, hija kkonkludiet, fil-punt 547 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni kellha raġun tqis li hija kellha provi suffiċjenti sa fejn għandha x'taqsam in-natura kontinwa tal-parteċipazzjoni ta' Air France fl-akkordju kontenzjuż mill-20 ta' Ottubru 2005 sal-14 ta' Frar 2006.

209 Issa, fid-dawl tal-argument imressaq minn AF-KLM quddiem il-Qorti Ġenerali, ma kienx rilevanti għaliha li hija ssostni quddiem din tal-aħħar li l-prova tal-parteċipazzjoni ta' Air France fil-komponent tal-ksur uniku u kontinwu relatat mas-sovrataxxa tal-fjuwil lil hinn mid-19 ta' Ottubru 2005, li hija kienet tqis li ma ġietx stabbilita fin-nuqqas ta' natura antikompetittiva tal-kuntatti kkonċernati, ma setgħetx tittieħed inkunsiderazzjoni sabiex tiġi stabbilita n-natura kontinwa tal-parteċipazzjoni tagħha, lil hinn minn din id-data, fil-komponenti tal-ksur uniku u kontinwu relatati mas-sovrataxxa tas-sigurtà u mar-rifjut li jitħallsu kummissjonijiet.

210 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, għandu jiġi kkonstatat li l-kwistjoni jekk AF-KLM għandhiex tinżamm responsabbli għall-ksur uniku u kontinwu, sa fejn għandhom x'jaqsmu s-sovrataxxa tas-sigurtà u r-rifjut li jitħallsu kummissjonijiet, u dan fid-dawl tal-parteċipazzjoni

tagħha f'kuntatti relatati mas-sovrataxxa tal-fjuwil wara d-19 ta' Ottubru 2005, tirriżulta mis-sentenza appellata nnifisha, u li l-argumenti li tressaq AF-KLM f'dan ir-rigward f'dan l-appell huma intiżi li jikkritikaw, fid-dritt, il-fondatezza tagħha. Dan ifisser li, skont il-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 204 ta' din is-sentenza, din il-parti hija ammissibbli.

211 Sa fejn għandha x'taqsam l-fondatezza possibbli ta' din tal-aħħar, għandu jiġi rrilevat, qabel kollox, li huwa minnu li, fil-punt 546 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali indikat li AF-KLM ma allegatx li Air France ma kinitx taf li t-trasportaturi inkriminati l-oħra kienu komplew jikkoordinaw dwar is-sovrataxxa tas-sigurtà u dwar ir-rifjut li jitħallsu kummissjonijiet wara d-19 ta' Ottubru 2005, li hija ma kinitx ipproduċiet prova li turi li Air France reġgħet adottat aġir ta' kompetizzjoni leali u indipendenti fis-suq inkwistjoni jew li hija ddikjarat l-intenzjoni tagħha li tiddissoċja ruħha mill-komponenti tal-ksur uniku u kontinwu relatati mas-sovrataxxa tas-sigurtà u mar-rifjut li jitħallsu kummissjonijiet, u li Air France ma kkontestatx li l-effetti ta' dawn il-komponenti kienu ssoktaw wara din id-data.

212 Madankollu, f'dan il-punt 546, il-Qorti Ġenerali rrilevat ukoll, sabiex tissostanzja dawn il-konstatazzjonijiet, li kien stabbilit li, wara l-imsemmija data, Air France kienet kompliet tipparteċipa fil-komponent tal-ksur uniku u kontinwu relatat mas-sovrataxxa tal-fjuwil u li l-implimentazzjoni tas-sovrataxxa tas-sigurtà u tar-rifjut li jitħallsu kummissjonijiet kienet teħtieġ kuntatti ħafna inqas frekwenti mill-implimentazzjoni tas-sovrataxxa tal-fjuwil, peress li, għall-kuntrarju tas-sovrataxxa tal-fjuwil, is-sovrataxxa tas-sigurtà ma kinitx ibbażata fuq indizju li l-evoluzzjoni tiegħu kienet tiġġustifika aġġustamenti regolari – u dan jispjega għaliex, minn meta ġiet introdotta fi tmiem is-sena 2001, hija kienet is-suġġett biss ta' kuntatti iżolati bejn it-trasportaturi li kienu jikkonċernaw l-implimentazzjoni tagħha, kif jirriżulta mill-punt 579 tad-Deċiżjoni kontenzjuża. Barra minn hekk, fl-imsemmi punt 546, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li r-rifjut li jitħallsu kummissjonijiet kien sempliċement jikkonsisti fir-rifjut li jingħataw skontijiet lill-ispedizjoniera u għalhekk ma kienx jeħtieġ aġġustamenti daqstant regolari bħas-sovrataxxa tal-fjuwil.

213 Huwa għalhekk fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha mfakkra fil-punti 211 u 212 ta' din is-sentenza li l-Qorti Ġenerali kkonkludiet, fl-istess punt 546 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni kellha raġun tiddeduċi mill-provi li kellha li l-parteċipazzjoni ta' Air France fil-komponenti tal-ksur uniku u kontinwu relatati mas-soprataxxa tas-sigurtà u mar-rifjut li jitħallsu kummissjonijiet ma kinitx intemmet f'Ottubru 2005 u li, fil-punt 547 ta' din l-aħħar sentenza, l-imsemmija qorti ddeduċiet li l-Kummissjoni ma għamlet ebda żball meta qieset li hija kellha biżżejjed provi sa fejn għandha x'taqsam in-natura kontinwa tal-parteċipazzjoni ta' Air France fl-akkordju kontenzjuż tal-20 ta' Ottubru 2005 sad-data li fiha hija kienet qieset li dan l-akkordju kien intemm, jiġifieri l-14 ta' Frar 2006.

214 Issa, fid-dawl tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 134 ta' din is-sentenza, ma jistax jingħad li l-Qorti Ġenerali, meta ddeċidiet b'dan il-mod, kisret ir-regoli dwar l-oneru tal-prova jew il-preżunzjoni ta' innoċenza.

215 Konsegwentement, l-argumenti msemmija fil-punt 196 ta' din is-sentenza għandhom jiġu miċħuda bħala infondati.

216 Sussegwentement, għalkemm huwa minnu li l-Qorti Ġenerali indikat, fl-ewwel sentenza tal-punt 546 tas-sentenza appellata, li AF-KLM, fis-sottomissjonijiet bil-miktub tagħha, ma kienet ġibdet "ebda konklużjoni speċifika" mill-elementi rrilevati mill-Qorti Ġenerali fil-punti 544 u 545 tas-sentenza appellata, għandu jiġi kkonstatat li AF-KLM, fl-appell tagħha, ma

tressaq ebda lment ibbażat fuq żnaturament tar-rikors tagħha quddiem il-Qorti Ġenerali. Madankollu, din tal-aħħar, fil-parti l-oħra ta' dan il-punt 546, eżaminat l-argument żviluppat minn AF-KLM li permezz tiegħu hija sostniet li Air France ma baqgħetx tipparteċipa fil-komponenti tal-ksur uniku u kontinwu relatat mas-sovrataxxa tas-sigurtà u mar-rifjut li jitħallsu kummissjonijiet wara l-14 ta' Ottubru jew id-19 ta' Ottubru 2005. Konsegwentement, kull kritika kontra din l-ewwel sentenza għandha, fi kwalunkwe każ, tiġi miċħuda bħala ineffettiva u dan skont il-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 151 ta' din is-sentenza, peress li din id-dikjarazzjoni tal-Qorti Ġenerali hija superfluwa.

217 Fl-aħħar nett, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat, minn naħa, li, f'dan il-każ, huwa stabbilit li Air France pparteċipat direttament f'kull wieħed mit-tliet komponenti tal-ksur uniku u kontinwu identifikat fid-Deċiżjoni kontenzjuża, peress li din il-klassifikazzjoni *per se* ma hijiex ikkontestata minn AF-KLM, u li huwa biss it-tul tal-parteċipazzjoni tagħha f'dan il-ksur li huwa kontenzjuż. Għalhekk, AF-KLM ma tista' tressaq ebda argument utli abbażi tal-ġurisprudenza li tirriżulta, b'mod partikolari, mill-punti 39 sa 52 tas-sentenza tas-6 ta' Diċembru 2012, Il-Kummissjoni vs Verhuizingen Coppens (C-441/11 P, EU:C:2012:778), dwar is-sitwazzjonijiet li fihom impriża ma tkunx ipparteċipat fil-komponenti kollha ta' ksur uniku u kontinwu u dwar il-konklużjonijiet li għandhom, jekk ikun il-każ, jinġibdu minn tali konstatazzjoni sa fejn għandha x'taqsam il-possibbiltà li tiġi annullata kompletament jew parzjalment id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi l-parteċipazzjoni ta' din l-impriża f'akkordju bi ksur tal-Artikolu 101 TFUE.

218 Mill-banda l-oħra, hija rilevanti, f'sitwazzjoni bħal dik ta' AF-KLM, li tikkonċerna biss it-tul tal-parteċipazzjoni ta' impriża fi ksur uniku u kontinwu, il-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 179 sa 184 ta' din is-sentenza. Fil-fatt, l-indizji u l-koinċidenzi li, ikkunsidrati flimkien, jistgħu, fin-nuqqas ta' spjegazzjoni raġonevoli oħra, jippermettu li tinkixef l-eżistenza ta' aġir jew ftehim antikompetittiv, jippermettu wkoll li jinkixef it-tul ta' aġir antikompetittiv kontinwu u l-perijodu ta' applikazzjoni ta' ftehim konkluż bi ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Settembru 2006, Nederlandse Federatieve Vereniging voor de Groothandel op Elektrotechnisch Gebied vs Il-Kummissjoni, C-105/04 P, EU:C:2006:592, punti 94 u 95).

219 F'dan il-kuntest, għandu jiġi enfasizzat, b'mod partikolari, li, skont il-ġurisprudenza mfakkra f'dawn il-punti 179 sa 184, il-fatt li, fil-kuntest ta' ksur li jestendi fuq diversi snin, ma ġietx prodotta prova diretta tal-implimentazzjoni ta' ftehim minn impriża għal ċerti perijodi speċifiċi ma jżommx milli l-parteċipazzjoni tagħha f'dan tal-aħħar tiġi, madankollu, ikkonstatata għal dawn il-perijodi, peress li tali konstatazzjoni hija bbażata fuq indizji oġġettivi u konkordanti.

220 Issa, kif jirriżulta diġà mill-analiżi tal-ewwel ilment ta' din il-parti, li saret fil-punti 211 sa 214 ta' din is-sentenza, kien mingħajr ma qalbet illegalment l-oneru tal-prova li l-Qorti Ġenerali kkonkludiet li AF-KLM setgħet tinżamm responsabbli għall-ksur, sa fejn għandhom x'jaqsmu s-sovrataxxa tas-sigurtà u r-rifjut li jitħallsu kummissjonijiet, u dan fid-dawl tal-parteċipazzjoni ta' Air France f'kuntatti relatati mas-sovrataxxa tal-fjuwil wara d-19 ta' Ottubru 2005.

221 L-argument espost fil-punt 199 ta' din is-sentenza għandu, konsegwentement, jiġi miċħud bħala infondat.

222 Minn naħa, għandu jiġi rrilevat li, bl-iskuża ta' allegazzjoni ta' ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, AF-KLM tipprova, fil-fatt, tqiegħed fid-dubju l-evalwazzjoni tal-fatti u tal-provi mwettqa mill-Qorti Ġenerali fil-punt 546 tas-sentenza appellata, mingħajr ma tinvoka

l-iżnaturament tagħhom. L-argument espost fil-punt 200 ta' din is-sentenza huwa, konsegwentement, inammissibbli, konformement mal-ġurisprudenza mfakkar fil-punt 70 ta' din is-sentenza.

223 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li t-tieni parti tar-raba' aggravju għandha tiġi miċħuda bħala parzjalment ineffettiva, parzjalment inammissibbli u parzjalment infondata. Għalhekk, ir-raba' aggravju għandu jiġi miċħud.

224 Peress li ebda wieħed mill-aggravji mqajma minn AF-KLM insostenn tal-appell tagħha ma ntlaqa', dan tal-aħħar għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

Fuq l-ispejjeż

225 Skont l-Artikolu 184(2) tar-Regoli tal-Proċedura, meta l-appell jiġi miċħud, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tagħti deċiżjoni dwar l-ispejjeż.

226 Skont l-Artikolu 138(1) ta' dawn ir-Regoli tal-Proċedura, li, bis-saħħa tal-Artikolu 184(1) tal-imsemmija Regoli tal-Proċedura, japplika għall-proċedura ta' appell, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, sakemm dawn ikunu ntalbu.

227 Billi l-Kummissjoni talbet li AF-KLM tiġi kkundannata għall-ispejjeż u billi din tal-aħħar ma ntlaqgħulhiex l-aggravji tagħha, hija għandha tiġi kkundannata tbati, minbarra l-ispejjeż tagħha, dawk sostnuti mill-Kummissjoni.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) L-appell huwa miċħud.

2) Air France-KLM hija kkundannata għall-ispejjeż.

Firem